Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2023/0135(COD)

21.9.2023

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/568/JHA u l-Konvenzjoni dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jew uffiċjali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
(COM(2023)0234 – C9-0162/2023 – 2023/0135(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Ramona Strugariu

Rapporteur għal opinjoni tal-kumitati assoċjati skont l-Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura: Caterina Chinnici, il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 75

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/568/JHA u l-Konvenzjoni dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jew uffiċjali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
(COM(2023)0234 – C9-0162/2023 – 2023/0135(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0234),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 82(1)(d) u 83(1) u (2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0162/2023),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni motivata ppreżentata mill-Parlament Żvediż, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità li tiddikjara li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jimxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0000/2023),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jistieden lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal direttiva
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Biex tinqered il-korruzzjoni, huma meħtieġa mekkaniżmi kemm preventivi kif ukoll ripressivi. L-Istati Membri huma mħeġġa jieħdu firxa wiesgħa ta' miżuri preventivi, leġiżlattivi u kooperattivi bħala parti mill-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Filwaqt li l-korruzzjoni hija qabelxejn reat u atti speċifiċi ta' korruzzjoni huma definiti fil-liġi nazzjonali u internazzjonali, in-nuqqasijiet fl-integrità, il-kunflitti ta' interess mhux żvelati jew il-ksur serju tar-regoli etiċi jistgħu jsiru attivitajiet korrotti jekk ma jiġux indirizzati. Il-prevenzjoni tal-korruzzjoni timmitiga l-ħtieġa ta' repressjoni kriminali u għandha benefiċċji aktar wiesgħa fil-promozzjoni tal-fiduċja pubblika u fil-ġestjoni tal-imġiba tal-uffiċjali pubbliċi. Approċċi effettivi kontra l-korruzzjoni spiss jibnu fuq miżuri biex jissaħħu t-trasparenza, l-etika u l-integrità, kif ukoll permezz ta' regolamentazzjoni f'oqsma bħalma huma l-kunflitt ta' interess, il-lobbjar u r-revolving doors. Il-korpi pubbliċi jenħtieġ li jfittxu l-ogħla standards ta' integrità, trasparenza u indipendenza bħala parti importanti mill-indirizzar tal-korruzzjoni b'mod aktar wiesa'.	(5) Biex tinqered il-korruzzjoni, huma meħtieġa mekkaniżmi kemm preventivi kif ukoll ripressivi. L-Istati Membri huma mħeġġa jieħdu firxa wiesgħa ta' miżuri preventivi, leġiżlattivi u kooperattivi bħala parti mill-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Filwaqt li l-korruzzjoni hija qabelxejn reat u atti speċifiċi ta' korruzzjoni huma definiti fil-liġi nazzjonali u internazzjonali, in-nuqqasijiet fl-integrità, il-kunflitti ta' interess mhux żvelati jew il-ksur serju tar-regoli etiċi jistgħu jsiru attivitajiet korrotti jekk ma jiġux indirizzati. Il-prevenzjoni tal-korruzzjoni timmitiga l-ħtieġa ta' repressjoni kriminali u għandha benefiċċji aktar wiesgħa fil-promozzjoni tal-fiduċja pubblika u fil-ġestjoni tal-imġiba tal-uffiċjali pubbliċi. Approċċi effettivi kontra l-korruzzjoni spiss jibnu fuq miżuri biex jissaħħu t-trasparenza, l-etika u l-integrità, kif ukoll permezz ta' regolamentazzjoni f'oqsma bħalma huma l-kunflitt ta' interess, il-lobbjar u r-revolving doors. Il-korpi pubbliċi jenħtieġ li jfittxu l-ogħla standards ta' integrità, trasparenza u indipendenza bħala parti importanti mill-indirizzar tal-korruzzjoni b'mod aktar wiesa'. ***Pilastru fundamentali għal Stati Membri effiċjenti, trasparenti u effettivi li huma ħielsa mill-korruzzjoni, huwa servizz pubbliku b'persunal b'individwi tal-ogħla livell ta' ħiliet u integrità. Tali persunal tas-servizz pubbliku jista' jinkiseb permezz tat-titjib tat-trasparenza, l-effiċjenza u l-użu ta' kriterji oġġettivi fir-reklutaġġ u l-promozzjonijiet ta' uffiċjali pubbliċi.***

Or. en

Emenda 2

Proposta għal direttiva
Premessa 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) L-akkwist pubbliku huwa partikolarment vulnerabbli għall-korruzzjoni. Sabiex il-korruzzjoni tiġi miġġielda b'mod effiċjenti, huwa importanti li l-Istati Membri jsaħħu t-trasparenza tal-proċessi tal-akkwist pubbliku billi jippermettu l-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati, aċċess aħjar għall-informazzjoni, inkluż permezz tal-użu tal-akkwist elettroniku, kif ukoll is-sorveljanza u l-kontroll ta' dawk il-proċessi tal-akkwist.

Or. en

Emenda 3

Proposta għal direttiva
Premessa 5b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5b) Jenħtieġ li l-Istati Membri jadottaw leġiżlazzjoni u proċeduri xierqa li jenħtieġ li jirregolaw il-finanzjament tal-kampanji politiċi u l-finanzjament tal-partiti politiċi, bħall-istabbiliment tal-parametri għal-limiti, l-iskop u l-perjodi ta' żmien tan-nefqiet tal-kampanji, il-limiti fuq il-kontribuzzjonijiet, is-sussidji statali, l-identifikazzjoni tad-donaturi u l-pubblikazzjoni annwali tal-kontijiet u n-nefqa mill-organizzazzjonijiet tal-partiti politiċi.

Or. en

Emenda 4

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Huwa meħtieġ li jissaħħaħ il-qafas legali biex jiġi miġġieled it-tixħim u biex l-infurzar tal-liġi u l-prosekuzzjoni jingħataw l-għodod neċessarji. Fit-tixħim tal-uffiċjali pubbliċi, hemm żewġ naħat li għandha ssir distinzjoni bejniethom. Ikun hemm tixħim attiv meta persuna twiegħed, toffri jew tagħti vantaġġ ta' kwalunkwe tip biex tinfluwenza uffiċjal pubbliku. Ikun hemm tixħim passiv meta l-uffiċjal pubbliku jitlob jew jirċievi tali vantaġġ sabiex jaġixxi jew joqgħod lura milli jaġixxi b'ċertu mod. Din id-Direttiva jenħtieġ li tistabbilixxi wkoll regoli minimi dwar it-tixħim u forom oħra ta' korruzzjoni fis-settur privat, fejn il-vittmi immedjati jinkludu kumpaniji li jiġu affettwati b'mod inġust u fejn il-kompetizzjoni ħielsa titnaqqas b'kull tixħima offruta jew li tiġi aċċettata.	(10) Huwa meħtieġ li jissaħħaħ il-qafas legali biex jiġi miġġieled it-tixħim u biex l-infurzar tal-liġi u l-prosekuzzjoni jingħataw l-għodod neċessarji. Fit-tixħim tal-uffiċjali pubbliċi, hemm żewġ naħat li għandha ssir distinzjoni bejniethom. Ikun hemm tixħim attiv meta persuna twiegħed, toffri***, tippremja*** jew tagħti vantaġġ ta' kwalunkwe tip biex tinfluwenza uffiċjal pubbliku. Ikun hemm tixħim passiv meta l-uffiċjal pubbliku jitlob jew jirċievi tali vantaġġ sabiex jaġixxi jew joqgħod lura milli jaġixxi b'ċertu mod. Din id-Direttiva jenħtieġ li tistabbilixxi wkoll regoli minimi dwar it-tixħim u forom oħra ta' korruzzjoni fis-settur privat, fejn il-vittmi immedjati jinkludu kumpaniji li jiġu affettwati b'mod inġust u fejn il-kompetizzjoni ħielsa titnaqqas b'kull tixħima offruta jew li tiġi aċċettata.

Or. en

Emenda 5

Proposta għal direttiva
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) It-tfixkil tal-ġustizzja huwa reat kriminali mwettaq b'appoġġ għall-korruzzjoni. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi stabbilit reat kriminali għat-tfixkil tal-ġustizzja, li jinvolvi l-eżerċizzju ta' forza fiżika, theddid jew intimidazzjoni, jew l-inċitament ta' xhieda jew evidenza falza. Jenħtieġ li jiġu koperti wkoll l-azzjonijiet ta' interferenza fl-għoti ta' xhieda jew fil-produzzjoni ta' evidenza, jew fl-eżerċizzju tad-dmirijiet uffiċjali minn uffiċjali ġudizzjarji jew tal-infurzar tal-liġi. F'konformità mal-UNCAC, din id-Direttiva tapplika biss għat-tfixkil tal-	(14) It-tfixkil tal-ġustizzja huwa reat kriminali mwettaq b'appoġġ għall-korruzzjoni. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi stabbilit reat kriminali għat-tfixkil tal-ġustizzja, li jinvolvi l-eżerċizzju ta' forza fiżika, theddid jew intimidazzjoni, jew l-inċitament ta' xhieda jew evidenza falza. Jenħtieġ li jiġu koperti wkoll l-azzjonijiet ta' interferenza fl-għoti ta' xhieda jew fil-produzzjoni ta' evidenza, jew fl-eżerċizzju tad-dmirijiet uffiċjali minn uffiċjali ġudizzjarji jew tal-infurzar tal-liġi***, kif ukoll il-qerda, il-modifika, il-ħabi jew il-falsifikazzjoni tal-evidenza***. F'konformità

ġustizzja fir-rigward ta' proċedimenti relatati ma' reat ta' korruzzjoni.

mal-UNCAC, din id-Direttiva tapplika biss għat-tfixkil tal-ġustizzja fir-rigward ta' proċedimenti relatati ma' reat ta' korruzzjoni.

Or. en

Emenda 6

Proposta għal direttiva
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Il-korruzzjoni talimenta ruħha mill-motivazzjoni għal vantaġġi ekonomiċi u vantaġġi oħra indebiti. Sabiex jitnaqqas l-inċentiv għall-individwi u għall-organizzazzjonijiet kriminali li jwettqu atti kriminali ġodda u biex l-individwi jiġu skoraġġuti milli jaqblu li jsiru sidien foloz ta' proprjetà, ir-reati ta' arrikkiment permezz tal-korruzzjoni jenħtieġ li jiġu kriminalizzati. Dan, min-naħa tiegħu, jenħtieġ li jikkomplika l-ħabi ta' proprjetà akkwistata b'mod illeċitu u jnaqqas it-tixrid tal-korruzzjoni kif ukoll il-ħsara li ssir lis-soċjetà. It-trasparenza tgħin lill-awtoritajiet kompetenti jidentifikaw arrikkiment illeċitu possibbli. ***Pereżempju, f'ġuriżdizzjonijiet fejn*** l-uffiċjali pubbliċi ***huma*** meħtieġa jiddikjaraw l-assi tagħhom f'intervalli regolari, inkluż meta jibdew u jlestu d-dmirijiet, l-awtoritajiet jistgħu jivvalutaw jekk l-assi ddikjarati jikkorrispondux mad-dħul iddikjarat.	(15) Il-korruzzjoni talimenta ruħha mill-motivazzjoni għal vantaġġi ekonomiċi u vantaġġi oħra indebiti. Sabiex jitnaqqas l-inċentiv għall-individwi u għall-organizzazzjonijiet kriminali li jwettqu atti kriminali ġodda u biex l-individwi jiġu skoraġġuti milli jaqblu li jsiru sidien foloz ta' proprjetà, ir-reati ta' arrikkiment permezz tal-korruzzjoni jenħtieġ li jiġu kriminalizzati. Dan, min-naħa tiegħu, jenħtieġ li jikkomplika l-ħabi ta' proprjetà akkwistata b'mod illeċitu u jnaqqas it-tixrid tal-korruzzjoni kif ukoll il-ħsara li ssir lis-soċjetà. It-trasparenza tgħin lill-awtoritajiet kompetenti jidentifikaw arrikkiment illeċitu possibbli. ***Għalhekk jenħtieġ li*** l-uffiċjali pubbliċi ***jkunu*** meħtieġa jiddikjaraw l-assi ***u l-interessi*** tagħhom f'intervalli regolari, inkluż meta jibdew u jlestu d-dmirijiet, ***sabiex*** l-awtoritajiet ***kompetenti, jew entitajiet indipendenti, ikunu*** jistgħu jivvalutaw jekk l-assi ddikjarati jikkorrispondux mad-dħul iddikjarat***, kif ukoll biex jidentifikaw kunflitti ta' interess potenzjali u sitwazzjonijiet ta' revolving doors***.

Or. en

Emenda 7

Proposta għal direttiva
Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15a) Jenħtieġ li l-Istati Membri jadottaw miżuri biex jiddefinixxu bħala reat kriminali punibbli l-ħabi intenzjonat jew iż-żamma kontinwa ta' proprjetà minn persuna li tkun konxja li tali proprjetà tirriżulta mir-reati msemmija f'din id-Direttiva, anki jekk dik il-persuna ma kinitx involuta fit-twettiq ta' dawk ir-reati.

Or. en

Emenda 8

Proposta għal direttiva
Premessa 15b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15b) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu obbligati jieħdu miżuri li jżommu lill-uffiċjali pubbliċi responsabbli għal kwalunkwe ksur bi ħtija tad-dmirijiet uffiċjali tagħhom li jirriżulta fi ħsara għad-drittijiet jew għall-interessi leġittimi ta' individwi jew entitajiet. Tali ksur, li jinvolvi nuqqas ta' twettiq ta' dmirijiet jew twettiq difettuż tad-dmirijiet, jenħtieġ li jkun punibbli bħala reat kriminali.

Or. en

Emenda 9

Proposta għal direttiva
Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20a) Fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, jenħtieġ li tingħata attenzjoni urġenti biex jiġi indirizzat l-użu ħażin tal-ishma tal-portatur u t-trusts, li huma essenzjali f'attivitajiet finanzjarji klandestini. L-Istati Membri għadhom jippermettu l-użu ta' ishma tal-portatur, li jippermettu li fondi illeċiti jiġu riċevuti, miżmuma, u trasferiti b'mod klandestin. Dawn il-mekkaniżmi joħolqu livell ta' opaċità saħansitra ogħla mir-rifuġji fiskali, li jagħmilhom tħassib serju fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Barra minn hekk, it-trusts huma sfruttati wkoll għall-potenzjal tagħhom li jippermettu tranżazzjonijiet finanzjarji oskuri u li jaħbu l-benefiċjarji veri. L-użu ħażin tal-fondi jkompli jżid l-isfida tal-intraċċar u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni b'mod effettiv. Għalhekk, jeħtieġ li l-Istati Membri jimplimentaw malajr miżuri robusti. Tali miżuri jenħtieġ li jinkludu projbizzjoni mhux ambigwa fuq l-ishma tal-portatur u strateġija komprensiva biex tiġi żgurata t-trasparenza tas-sjieda fl-użu tat-trusts.
	Or. en

Emenda 10

Proposta għal direttiva
Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(28) Ir-reati ta' korruzzjoni huma kategorija diffiċli ta' reati biex jiġu identifikati u investigati, peress li jseħħu l-aktar bħala parti minn konfoffa bejn żewġ partijiet jew aktar disposti u ma għandhomx vittma immedjata u ovvja li tista' tilmenta. Għalhekk, proporzjon sinifikanti ta' reati ta' korruzzjoni jibqa' ma jiġix identifikat, u l-partijiet kriminali	(28) Ir-reati ta' korruzzjoni huma kategorija diffiċli ta' reati biex jiġu identifikati u investigati, peress li jseħħu l-aktar bħala parti minn konfoffa bejn żewġ partijiet jew aktar disposti u ma għandhomx vittma immedjata u ovvja li tista' tilmenta. Għalhekk, proporzjon sinifikanti ta' reati ta' korruzzjoni jibqa' ma jiġix identifikat, u l-partijiet kriminali

jistgħu jibbenefikaw mir-rikavat tal-korruzzjoni tagħhom. Aktar ma jdum biex jiġi identifikat reat ta' korruzzjoni, aktar ikun diffiċli biex tinkixef l-evidenza. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-infurzar tal-liġi u l-prosekuturi jkollhom għodod investigattivi xierqa biex jiġbru evidenza rilevanti ta' reati ta' korruzzjoni li spiss jaffettwaw aktar minn Stat Membru wieħed. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jallokaw taħriġ suffiċjenti, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL), anke dwar l-użu ta' għodod investigattivi biex jitwettqu b'suċċess il-proċedimenti u l-identifikazzjoni u l-kwantifikazzjoni tar-rikavat mill-korruzzjoni fil-kuntest tal-iffriżar u l-konfiska. Barra minn hekk, din id-Direttiva tiffaċilita l-ġbir ta' informazzjoni u evidenza billi tistabbilixxi ċirkustanzi mitiganti għall-awturi ta' reati li jgħinu lill-awtoritajiet.

jistgħu jibbenefikaw mir-rikavat tal-korruzzjoni tagħhom. Aktar ma jdum biex jiġi identifikat reat ta' korruzzjoni, aktar ikun diffiċli biex tinkixef l-evidenza. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-infurzar tal-liġi u l-prosekuturi jkollhom għodod investigattivi xierqa biex jiġbru evidenza rilevanti ta' reati ta' korruzzjoni li spiss jaffettwaw aktar minn Stat Membru wieħed. ***Tali għodod jenħtieġ li bħala minimu jinkludu dawk l-għodod elenkati fid-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a], bħal investigazzjonijiet sigrieti, miżuri investigattivi li jimplikaw il-ġbir ta' evidenza f'ħin reali, kontinwament u fuq ċertu perjodu ta' żmien, l-interċettazzjoni tat-telekomunikazzjoni, informazzjoni dwar operazzjonijiet bankarji u operazzjonijiet finanzjarji oħra u kontijiet bankarji u kontijiet finanzjarji oħra.*** Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jallokaw taħriġ suffiċjenti, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL), anke dwar l-użu ta' għodod investigattivi biex jitwettqu b'suċċess il-proċedimenti u l-identifikazzjoni u l-kwantifikazzjoni tar-rikavat mill-korruzzjoni fil-kuntest tal-iffriżar u l-konfiska. Barra minn hekk, din id-Direttiva tiffaċilita l-ġbir ta' informazzjoni u evidenza billi tistabbilixxi ċirkustanzi mitiganti għall-awturi ta' reati li jgħinu lill-awtoritajiet.

[1a] Id-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew f'materji kriminali (ĠU L 130, 1.5.2014, p.1).

Or. en

Emenda 11

Proposta għal direttiva
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) L-organizzazzjonijiet indipendenti tas-soċjetà ċivili huma kruċjali għall-funzjonament tajjeb tad-demokraziji tagħna, u għandhom rwol ewlieni fir-rispett tal-valuri komuni li fuqhom hija msejsa l-UE. Huma jaġixxu bħala gwardjani essenzjali, billi jiġbdu l-attenzjoni għat-theddid għall-istat tad-dritt, jikkontribwixxu biex dawk fis-setgħa jinżammu responsabbli, u jiżguraw ir-rispett tad-drittijiet fundamentali. L-Istati Membri jenħtieġ li jippromwovu l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili f'attivitajiet kontra l-korruzzjoni.	(30) L-organizzazzjonijiet indipendenti tas-soċjetà ċivili huma kruċjali għall-funzjonament tajjeb tad-demokraziji tagħna, u għandhom rwol ewlieni fir-rispett tal-valuri komuni li fuqhom hija msejsa l-UE. Huma jaġixxu bħala gwardjani essenzjali, billi jiġbdu l-attenzjoni għat-theddid għall-istat tad-dritt, jikkontribwixxu biex dawk fis-setgħa jinżammu responsabbli, u jiżguraw ir-rispett tad-drittijiet fundamentali. L-Istati Membri jenħtieġ li jippromwovu l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili f'attivitajiet kontra l-korruzzjoni. ***L-involviment konsistenti tas-soċjetà ċivili fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, kif ukoll fis-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar l-eżistenza, il-kawżi u l-gravità tal-korruzzjoni u t-theddid li toħloq jenħtieġ li jkun element essenzjali tal-approċċ tal-Unjoni.***

Or. en

Emenda 12

Proposta għal direttiva
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Il-pluraliżmu tal-media u l-libertà tal-media huma faċilitaturi ewlenin għall-istat tad-dritt, ir-responsabbiltà demokratika, l-ugwaljanza u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Il-media indipendenti u pluralistika, b'mod partikolari l-ġurnaliżmu investigattiv, għandha rwol importanti fl-iskrutinju tal-affarijiet pubbliċi, l-identifikazzjoni ta' korruzzjoni	(31) Il-pluraliżmu tal-media u l-libertà tal-media huma faċilitaturi ewlenin għall-istat tad-dritt, ir-responsabbiltà demokratika, l-ugwaljanza u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Il-media indipendenti u pluralistika, b'mod partikolari l-ġurnaliżmu investigattiv, għandha rwol importanti fl-iskrutinju tal-affarijiet pubbliċi, l-identifikazzjoni ta' korruzzjoni

possibbli u ksur tal-integrità, is-sensibilizzazzjoni u l-promozzjoni tal-integrità. L-Istati Membri għandhom obbligu li jiggarantixxu ambjent favorevoli għall-ġurnalisti, jipproteġu s-sikurezza tagħhom u jippromwovu b'mod proattiv il-libertà tal-media u l-pluraliżmu tal-media. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-protezzjoni, is-sikurezza u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-ġurnalisti[49], kif ukoll ***il-proposta*** għal Direttiva[50] u Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni[51] dwar il-protezzjoni ta' persuni li jinvolvu ruħhom fil-parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti tal-qorti manifestament bla bażi jew abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika") jinkludu salvagwardji u standards importanti biex jiżguraw li l-ġurnalisti, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u oħrajn ikunu jistgħu jwettqu r-rwol tagħhom bla xkiel.

possibbli u ksur tal-integrità, is-sensibilizzazzjoni u l-promozzjoni tal-integrità. L-Istati Membri għandhom obbligu li jiggarantixxu ambjent favorevoli għall-ġurnalisti, jipproteġu s-sikurezza tagħhom u jippromwovu b'mod proattiv il-libertà tal-media u l-pluraliżmu tal-media. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-protezzjoni, is-sikurezza u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-ġurnalisti[49], kif ukoll ***il-proposti għal Regolament li jistabbilixxi qafas komuni għas-servizzi tal-media fis-suq intern (l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media)[49a] u*** għal Direttiva[50] u Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni[51] dwar il-protezzjoni ta' persuni li jinvolvu ruħhom fil-parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti tal-qorti manifestament bla bażi jew abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika") jinkludu salvagwardji u standards importanti biex jiżguraw li l-ġurnalisti, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u oħrajn ikunu jistgħu jwettqu r-rwol tagħhom bla xkiel.

---

[49] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Settembru 2021 dwar l-iżgurar tal-protezzjoni, tas-sikurezza u tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-ġurnalisti u ta' professjonisti oħra fil-media fl-Unjoni Ewropea, C(2021)6650 final.

[49] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Settembru 2021 dwar l-iżgurar tal-protezzjoni, tas-sikurezza u tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-ġurnalisti u ta' professjonisti oħra fil-media fl-Unjoni Ewropea, C(2021)6650 final.

[49a] Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas komuni għas-servizzi tal-media fis-suq intern (l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media) u li jemenda d-Direttiva 2010/13/UE, COM/2022/457 final.

[50] Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' persuni li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati jew abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika"), COM/2022/177 final.

[50] Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' persuni li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti ġudizzjarji manifestament infondati jew abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika"), COM/2022/177 final.

[51] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni

[51] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni

dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jinvolvu ruħhom fil-parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti tal-qorti manifestament bla bażi jew abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika"), C(2022) 2428 final.

dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jinvolvu ruħhom fil-parteċipazzjoni pubblika minn proċedimenti tal-qorti manifestament bla bażi jew abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika"), C(2022) 2428 final.

Or. en

Emenda 13

Proposta għal direttiva
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Biex il-korruzzjoni tiġi miġġielda b'mod effettiv, huwa kruċjali li jkun hemm skambju effiċjenti ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tar-reati ta' korruzzjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-informazzjoni tiġi skambjata b'mod effettiv u f'waqtu f'konformità mad-dritt nazzjonali u tal-Unjoni. Din id-Direttiva, li għandha l-għan li tistabbilixxi definizzjonijiet komuni tar-reati ta' korruzzjoni, jenħtieġ li sservi bħala punt ta' riferiment għall-iskambju ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti skont id-Direttivi (UE) ***XX/2023***[52] , (UE) 2019/1153[53] , (UE) 2016/681[54] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti (UE) 2018/1240[55] , (UE) 2018/1862[56] u (UE) 603/2013[57] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI[58] .	(33) Biex il-korruzzjoni tiġi miġġielda b'mod effettiv, huwa kruċjali li jkun hemm skambju effiċjenti ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tar-reati ta' korruzzjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-informazzjoni tiġi skambjata b'mod effettiv u f'waqtu f'konformità mad-dritt nazzjonali u tal-Unjoni. Din id-Direttiva, li għandha l-għan li tistabbilixxi definizzjonijiet komuni tar-reati ta' korruzzjoni, jenħtieġ li sservi bħala punt ta' riferiment għall-iskambju ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti skont id-Direttivi (UE) ***2023/977***[52] , (UE) 2019/1153[53] , (UE) 2016/681[54] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti (UE) 2018/1240[55] , (UE) 2018/1862[56] u (UE) 603/2013[57] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/ĠAI[58] . ***Sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-informazzjoni kondiviża bejn l-unitajiet u l-aġenziji tal-Investigazzjoni Kontra l-Korruzzjoni, l-użu tal-Applikazzjoni ta' Network għall-Iskambju Sikur ta' Informazzjoni (SIENA), ġestita mill-Europol f'konformità mar-Regolament***

(UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[58a], jenħtieġ li jkun obbligatorju għall-unitajiet u l-aġenziji kollha tal-Investigazzjoni Kontra l-Korruzzjoni skont din id-Direttiva.

---

[52] ***Ara l-Proposta għal Direttiva*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri, li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2006/960/ĠAI, COM/2021/782 final.

[53] Id-Direttiva (UE) 2019/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li tistabbilixxi regoli li jiffaċilitaw l-użu ta' informazzjoni finanzjarja u informazzjoni oħra għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' ċerti reati kriminali, u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/642/ĠAI ĠU L 186, 11.7.2019, p. 122.

[54] Id-Direttiva (UE) 2016/681 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar l-użu ta' data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 132), l-Anness II, il-punt 6.

[55] Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 (ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1), l-Anness, il-punt 7.

[56] Ir-Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen

---

[52] ***Id-Direttiva (UE) 2023/977*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***tal-10 ta' Mejju 2023*** dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri, li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2006/960/ĠAI, COM/2021/782 final.

[53] Id-Direttiva (UE) 2019/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li tistabbilixxi regoli li jiffaċilitaw l-użu ta' informazzjoni finanzjarja u informazzjoni oħra għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' ċerti reati kriminali, u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/642/ĠAI ĠU L 186, 11.7.2019, p. 122.

[54] Id-Direttiva (UE) 2016/681 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar l-użu ta' data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u kriminalità serja (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 132), l-Anness II, il-punt 6.

[55] Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 (ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1), l-Anness, il-punt 7.

[56] Ir-Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen

(SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 56). Ir-referenza għall-korruzzjoni ssir indirettament fid-Deċiżjoni tal-Kunsill SIS II billi tiddelimita l-kamp ta' applikazzjoni tagħha b'referenza għall-Mandat ta' Arrest Ewropew, pereżempju fl-Artikolu 8.

[57] Ir-Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolidau dwar talbiet għat-tqabbil ma' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1077/2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 1).

[58] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/JHA tat-23 ta' Ġunju 2008 li tikkonċerna aċċess għall-konsultazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) minn awtoritajiet maħtura ta' Stati Membri u mill-Europol għall-finijiet tal-prevenzjoni, tal-kxif u ta' l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi u ta' reati kriminali serji oħra (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 129). Ir-referenza għall-korruzzjoni ssir indirettament fid-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-VIS għall-infurzar tal-liġi billi tiddelimita l-kamp ta' applikazzjoni tagħha b'referenza għall-

(SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 56). Ir-referenza għall-korruzzjoni ssir indirettament fid-Deċiżjoni tal-Kunsill SIS II billi tiddelimita l-kamp ta' applikazzjoni tagħha b'referenza għall-Mandat ta' Arrest Ewropew, pereżempju fl-Artikolu 8.

[57] Ir-Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolidau dwar talbiet għat-tqabbil ma' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1077/2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 1).

[58] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/633/JHA tat-23 ta' Ġunju 2008 li tikkonċerna aċċess għall-konsultazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) minn awtoritajiet maħtura ta' Stati Membri u mill-Europol għall-finijiet tal-prevenzjoni, tal-kxif u ta' l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi u ta' reati kriminali serji oħra (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 129). Ir-referenza għall-korruzzjoni ssir indirettament fid-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-VIS għall-infurzar tal-liġi billi tiddelimita l-kamp ta' applikazzjoni tagħha b'referenza għall-

Mandat ta’ Arrest Ewropew fil-premessa 6.	Mandat ta’ Arrest Ewropew fil-premessa 6.
	58a Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53).
	Or. en

Emenda 14

Proposta għal direttiva
Premessa 33a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(33a) Il-vittmi tal-korruzzjoni spiss ma jkollhomx rappreżentanza fil-proċessi legali, konsultazzjoni fl-investigazzjonijiet tal-korruzzjoni, u opportunitajiet għal kumpens. Fil-prattika, l-infurzar ta’ azzjonijiet kontra l-korruzzjoni internazzjonali spiss jinjora l-involviment u d-drittijiet tal-vittmi, u joħloq lakuna sinifikanti fejn il-vittmi jibqgħu fil-biċċa l-kbira mhux magħrufa. Jenħtieġ li l-Istati Membri jissalvagwardjaw id-drittijiet tal-vittmi, filwaqt li jiżguraw li l-perspettivi tagħhom jiġu espressi u kkunsidrati mingħajr ma jiġu kompromessi d-drittijiet tad-difiża matul il-proċedimenti kriminali kontra l-awturi tar-reat. Il-kumpens tal-vittmi jirrappreżenta l-essenza tal-ġustizzja u l-vittmi jenħtieġ li jingħataw is-setgħa li jfittxu rimedji. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jimplimentaw miżuri li jippermettu lill-individwi jew lill-entitajiet milquta minn atti ta’ korruzzjoni jibdew azzjonijiet legali kontra l-partijiet responsabbli biex ifittxu kumpens xieraq.

Emenda 15

Proposta għal direttiva
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Il-korruzzjoni hija kwistjoni trażversali, filwaqt li l-vulnerabbiltajiet, kif ukoll l-aktar mod adegwat biex jiġu indirizzati, ivarjaw minn settur għal ieħor. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jwettqu regolarment valutazzjoni biex jidentifikaw is-setturi l-aktar f'riskju ta' korruzzjoni u jiżviluppaw pjanijiet ta' ġestjoni tar-riskju biex jindirizzaw ir-riskji ewlenin fis-setturi identifikati, inkluż billi jorganizzaw, tal-anqas darba fis-sena, azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni adattati għall-ispeċifiċitajiet tas-setturi identifikati. L-Istati Membri li għandhom fis-seħħ strateġiji nazzjonali wiesgħa kontra l-korruzzjoni, jistgħu jagħżlu wkoll li jindirizzaw il-valutazzjonijiet tar-riskju u l-pjanijiet ta' ġestjoni tar-riskju tagħhom fihom, sakemm ir-riskji jiġu vvalutati u l-miżuri jiġu rieżaminati b'mod regolari. Pereżempju, l-iskemi ***tar-residenza*** b'investiment huma fost is-setturi li jġorru riskji għoljin għall-korruzzjoni[59] u għalhekk jenħtieġ li jiġu ***inklużi fil-valutazzjonijiet tas-setturi l-aktar f'riskju ta' korruzzjoni u t-taħriġ li għandu jitwettaq mill-Istati Membri kif previst f'din id-Direttiva***.	(34) Il-korruzzjoni hija kwistjoni trażversali, filwaqt li l-vulnerabbiltajiet, kif ukoll l-aktar mod adegwat biex jiġu indirizzati, ivarjaw minn settur għal ieħor. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jwettqu regolarment valutazzjoni biex jidentifikaw is-setturi l-aktar f'riskju ta' korruzzjoni u jiżviluppaw pjanijiet ta' ġestjoni tar-riskju biex jindirizzaw ir-riskji ewlenin fis-setturi identifikati, inkluż billi jorganizzaw, tal-anqas darba fis-sena, azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni adattati għall-ispeċifiċitajiet tas-setturi identifikati. L-Istati Membri li għandhom fis-seħħ strateġiji nazzjonali wiesgħa kontra l-korruzzjoni, jistgħu jagħżlu wkoll li jindirizzaw il-valutazzjonijiet tar-riskju u l-pjanijiet ta' ġestjoni tar-riskju tagħhom fihom, sakemm ir-riskji jiġu vvalutati u l-miżuri jiġu rieżaminati b'mod regolari. Pereżempju, l-iskemi ***tac-ċittadinanza*** b'investiment huma fost is-setturi li jġorru riskji għoljin għall-korruzzjoni[59] u għalhekk jenħtieġ li jiġu ***pprojbiti kompletament mill-Istati Membri. L-iskemi tar-residenza għac-ċittadini Russi soġġetti għal sanzjonijiet finanzjarji mmirati, jenħtieġ ukoll li jiġu pprojbiti[59a]***.
[59] Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Skemi ta' Ċittadinanza u ta' Residenza b'Investiment fl-Unjoni Ewropea, it-23 ta' Jannar 2019, COM(2019) 12 final.	[59] Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Skemi ta' Ċittadinanza u ta' Residenza b'Investiment fl-Unjoni Ewropea, it-23 ta' Jannar 2019, COM(2019) 12 final.

[59a] P9_TA (2022) 0065 Iċ-ċittadinanza u r-residenza permezz ta' skemi ta' investiment Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 2022 bi proposti lill-Kummissjoni dwar iċ-ċittadinanza u r-residenza permezz ta' skemi ta' investiment (2021/2026(INL)), il-paragrafu 23

Or. en

Emenda 16

Proposta għal direttiva
Premessa 34a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(34a) Jenħtieġ li l-Kummissjoni Ewropea tappoġġa lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet tagħhom biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom ġejjin minn din id-Direttiva. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Kummissjoni toffri gwida u appoġġ lill-Istati Membri fit-titjib tal-kapaċità tal-istituzzjonijiet tagħhom, fit-tisħiħ tal-korpi investigattivi u tal-ġudikatura sabiex jirrispondu aħjar għar-riskji ta' korruzzjoni identifikati fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 17

Proposta għal direttiva
Premessa 34b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(34b) Jenħtieġ li n-network tal-UE kontra l-korruzzjoni jiġbor flimkien l-għarfien espert u r-riżorsi tal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, is-soċjetà ċivili, u s-settur privat sabiex jiġu

żviluppati strateġiji komprensivi u jiġu kondiviżi l-aħjar prattiki fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Jenħtieġ li jservi bħala pjattaforma għall-kooperazzjoni, il-koordinazzjoni u l-kondivižjoni tal-informazzjoni, inkluż ma' organizzazzjonijiet u korpi internazzjonali, biex b'hekk l-Unjoni tkun tista' tiġġieled il-korruzzjoni b'mod aktar effettiv.

Or. en

Emenda 18

Proposta għal direttiva
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) Biex jiġi pprovdut livell ekwivalenti ta' protezzjoni bejn l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u dawk nazzjonali, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2017/1371[60] jiġu allinjati ***ma' dawk ta' din*** id-Direttiva. Għal dan il-għan, ***ir-regoli applikabbli għar-reati kriminali*** li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni ***fir-rigward tas-sanzjonijiet***, ***iċ-ċirkustanzi aggravanti u mitiganti u l-perjodi*** ta' preskrizzjoni jenħtieġ li jkunu ekwivalenti għal dawk stabbiliti minn din id-Direttiva.	(35) Biex jiġi pprovdut livell ekwivalenti ta' protezzjoni bejn l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u dawk nazzjonali, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2017/1371[60] jiġu allinjati ***mal-istandards stabbiliti f'din*** id-Direttiva. Għal dan il-għan, ***jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw*** li ***r-reati koperti minn din id-Direttiva jikkostitwixxu reati wkoll meta*** jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni***. Għalhekk, l-istandards stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2017/1371 għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni***, ***b'mod partikolari f'termini ta' definizzjonijiet ta' reati kriminali, sanzjonijiet, perjodi*** ta' preskrizzjoni***, ċirkustanzi aggravanti u mitiganti u ġuriżdizzjoni,*** jenħtieġ li jkunu ekwivalenti għal dawk stabbiliti minn din id-Direttiva.
[60] Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali, ĠU 198 L, 28.7.2017, p. 29.	[60] Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali, ĠU 198 L, 28.7.2017, p. 29.

Or. en

Emenda 19

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) membru ta' istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija tal-Unjoni u l-persunal ta' tali korpi għandu jiġi assimilat mal-uffiċjali tal-Unjoni.	(a) membru ta' istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija tal-Unjoni u l-persunal ta' tali korpi għandu jiġi assimilat mal-uffiċjali tal-Unjoni***, sa fejn ir-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 (ir-"Regolamenti tal-Persunal") ma japplikawx għalihom***.

Or. en

Emenda 20

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. "uffiċjal nazzjonali" tfisser kwalunkwe persuna li jkollha kariga eżekuttiva, amministrattiva jew ġudizzjarja fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali, kemm jekk maħtura jew eletta, kemm jekk permanenti jew temporanja, kemm jekk bi ħlas jew bla ħlas, irrispettivament mill-anzjanità ta' dik il-persuna. Kwalunkwe persuna li jkollha kariga leġiżlattiva fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali ***titqies bħala*** uffiċjal nazzjonali għall-finijiet ta' din id-Direttiva.	5. "uffiċjal nazzjonali" tfisser kwalunkwe persuna li jkollha kariga eżekuttiva, amministrattiva jew ġudizzjarja fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali, kemm jekk maħtura jew eletta, kemm jekk permanenti jew temporanja, kemm jekk bi ħlas jew bla ħlas, irrispettivament mill-anzjanità ta' dik il-persuna. Kwalunkwe persuna li jkollha kariga leġiżlattiva fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali ***għandha tiġi assimilata għal*** uffiċjal nazzjonali għall-finijiet ta' din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 21

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. "uffiċjali ta' livell għoli" huma Kapijiet ta' Stat, Kapijiet ta' Gvern ċentrali u reġjonali, membri tal-gvern ċentrali u reġjonali, kif ukoll persuni maħtura politiċi oħra li jkollhom kariga pubblika ta' livell għoli bħal Viċi Ministri, Segretarji tal-Istat, kapijiet u membri tal-uffiċċju privat ta' Ministru, u uffiċjali politiċi għolja, kif ukoll membri tal-kmamar parlamentari, membri tal-ogħla Qrati, bħall-Qrati Kostituzzjonali u Supremi, u membri tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar.	8. "uffiċjali ta' livell għoli" huma Kapijiet ta' Stat, Kapijiet ta' Gvern ċentrali u reġjonali, membri tal-gvern ċentrali u reġjonali, ***membri tal-Kulleġġ tal-Kummissarji tal-Kummissjoni Ewropea,*** kif ukoll persuni maħtura politiċi oħra li jkollhom kariga pubblika ta' livell għoli bħal Viċi Ministri, Segretarji tal-Istat, kapijiet u membri tal-uffiċċju privat ta' Ministru, u uffiċjali politiċi għolja, kif ukoll membri tal-kmamar parlamentari, membri ***tal-Parlament Ewropew, membri*** tal-ogħla Qrati, bħall-Qrati Kostituzzjonali u Supremi, ***uffiċjali militari, eżekuttivi għoljin ta' korporazzjonijiet li jappartjenu lill-Istat, uffiċjali ta' partiti politiċi*** u membri tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar.

Or. en

Emenda 22

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8a. "korruzzjoni kbira" tfisser it-twettiq ta' kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 7 sa 14, meta r-reat:
	(a) jinvolvi uffiċjal ta' livell għoli; jew
	(b) ikun twettaq bħala parti minn skema kriminali; jew
	(c) irriżulta f'miżapproprjazzjoni gravi ta' proprjetà; jew

(d) irriżulta fi ksur jew abbuż serju tad-drittijiet tal-bniedem jew kien maħsub li jirriżulta f'hekk, jew kwalunkwe ksur jew abbuż ieħor tad-drittijiet tal-bniedem, sa fejn dak il-ksur jew abbuż ikun mifrux, sistematiku jew inkella jkun ta' tħassib serju.

Or. en

Emenda 23

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8b. "vittma ta' korruzzjoni" tfisser persuni li, individwalment jew kollettivament, sofrew dannu, direttament jew indirettament, inkluż dannu fiżiku jew mentali, tbatija emozzjonali, telf ekonomiku jew ksur sustanzjali tad-drittijiet fundamentali tagħhom, permezz ta' atti jew ommissjonijiet li huma konsegwenza ta' kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 7 sa 14.

Or. en

Emenda 24

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu azzjoni xierqa, ***bħal*** kampanji ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni u programmi ta' riċerka u edukazzjoni, biex iqajmu kuxjenza pubblika dwar il-ħsara tal-korruzzjoni u jnaqqsu t-twettiq ġenerali ta' reati ta' korruzzjoni kif ukoll ir-riskju ta' korruzzjoni.	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu azzjoni xierqa, ***inklużi*** kampanji ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni u programmi ta' riċerka u edukazzjoni, biex iqajmu kuxjenza pubblika dwar il-ħsara tal-korruzzjoni u jnaqqsu t-twettiq ġenerali ta' reati ta' korruzzjoni kif ukoll ir-riskju ta' korruzzjoni.

Or. en

Emenda 25

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 - paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw l-ogħla livell ta' trasparenza u responsabbiltà fl-amministrazzjoni pubblika u fit-teħid ta' deċiżjonijiet pubbliċi bil-għan li tiġi evitata l-korruzzjoni.	2. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw l-ogħla livell ta' ***integrità,*** trasparenza u responsabbiltà***, permezz ta' reklutaġġ u promozzjonijiet ibbażati fuq il-mertu*** fl-amministrazzjoni pubblika u fit-teħid ta' deċiżjonijiet pubbliċi bil-għan li tiġi evitata l-korruzzjoni.

Or. en

Emenda 26

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ għodod ta' prevenzjoni ewlenin ***bħal aċċess miftuħ għall-informazzjoni ta' interess pubbliku***, ***regoli effettivi għad-divulgazzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess fis-settur pubbliku, regoli effettivi għad-divulgazzjoni u l-verifika tal-assi tal-uffiċjali pubbliċi u regoli effettivi li jirregolaw l-interazzjoni bejn is-settur privat u dak pubbliku.***	3. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ għodod ta' prevenzjoni ewlenin, ***bħal:***

Or. en

Emenda 27

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(a) strateġija kontra l-korruzzjoni u pjan ta' azzjoni elaborati bil-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti u s-soċjetà ċivili;

Or. en

Emenda 28

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b) aċċess miftuħ għall-informazzjoni ta' interess pubbliku;

Or. en

Emenda 29

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(c) regoli effettivi għad-divulgazzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess fis-settur pubbliku, inklużi d-divulgazzjoni ad hoc ta' kunflitti ġodda malli jinqalgħu, u l-istabbiliment ta' sanzjonijiet għan-nuqqas ta' rapportar ta' assi jew interessi sustanzjali;

Or. en

Emenda 30

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(d) regoli effettivi għad-divulgazzjoni perjodika u bbażata fuq ir-riskju u l-verifika tal-assi u l-interessi tal-uffiċjali pubbliċi u l-istabbiliment ta' sanzjonijiet għan-nuqqas ta' rapportar ta' assi jew interessi sustanzjali;

Or. en

Emenda 31

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(e) regoli effettivi li jindirizzaw l-interazzjoni bejn is-settur privat u dak pubbliku, inkluża r-regolamentazzjoni tal-lobbjar u s-sitwazzjonijiet ta' revolving doors, il-pubblikazzjoni proattiva tal-laqgħat tal-lobbjar, l-istabbiliment ta' impronta leġiżlattiva pubblika, u l-istabbiliment tal-obbligu għall-assoċjazzjonijiet, il-gruppi ta' riflessjoni u l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li jinvolvu ruħhom fir-rappreżentanza tal-interessi biex jirreġistraw fir-reġistri ta' trasparenza u jiżvelaw sħubija korporattiva;

Or. en

Emenda 32

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3 – punt f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(f) sistemi interoperabbli għall-pubblikazzjoni u d-divulgazzjoni tad-data kollha mniżżla f'dan l-Artikolu, bħar-reġistri ta' trasparenza. Id-data kollha mniżżla f'dan l-Artikolu għandha tkun disponibbli għall-pubbliku, aġġornata fil-ħin, aċċessibbli f'formati li jinqraw mill-magni u tkun tista' titniżżel b'mod massiv.

Or. en

Emenda 33

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw it-trasparenza fil-finanzjament tal-kandidaturi għall-uffiċjali pubbliċi eletti u għall-partiti politiċi, permezz ta' mekkaniżmi ta' rapportar annwali, bħal regoli effettivi għar-rapportar, l-awditjar u d-divulgazzjoni tal-finanzjament tal-partiti politiċi, obbligi ugwali għall-ġbir u l-pubblikazzjoni tad-data kollha dwar l-introjtu, ir-responsabbiltajiet u n-nefqa għall-parteċipanti fil-kampanji elettorali.

Or. en

Emenda 34

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri komprensivi u aġġornati	4. L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri komprensivi u aġġornati

biex jipprevjenu l-korruzzjoni kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat, adattati għar-riskji speċifiċi ta' qasam ta' attività. Tali miżuri għandhom tal-anqas jinkludu azzjonijiet biex tissaħħaħ l-integrità u biex jiġu evitati l-opportunitajiet għall-korruzzjoni fost:	biex jipprevjenu l-korruzzjoni kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat, adattati għar-riskji speċifiċi ta' qasam ta' attività. Tali ***oqsma għandhom tal-anqas jinkludu oqsma komuni ta' riskju għoli bħas-settur tas-saħħa, l-akkwist pubbliku u s-settur tal-kostruzzjoni. Tali*** miżuri għandhom tal-anqas jinkludu azzjonijiet biex tissaħħaħ l-integrità u biex jiġu evitati l-opportunitajiet għall-korruzzjoni fost:
	Or. en

Emenda 35

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-membri tal-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura, inklużi miżuri relatati mal-ħatra u l-kondotta tagħhom, u billi jiġu żgurati remunerazzjoni adegwata u skali ta' pagi ekwi.	(b) il-membri tal-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura, inklużi miżuri relatati mal-ħatra***, il-promozzjonijiet ibbażati fuq il-mertu*** u l-kondotta tagħhom, u billi jiġu żgurati remunerazzjoni adegwata u skali ta' pagi ekwi.
	Or. en

Emenda 36

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom ***iwettqu regolarment*** valutazzjoni biex jidentifikaw is-setturi l-aktar f'riskju ta' korruzzjoni.	L-Istati Membri għandhom ***kull sena jwettqu*** valutazzjoni biex jidentifikaw is-setturi l-aktar f'riskju ta' korruzzjoni.
	Or. en

Emenda 37

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 5 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiżviluppaw pjanijiet biex jindirizzaw ir-riskji ewlenin fis-setturi identifikati**.**	(b) jiżviluppaw pjanijiet ***settorjali kontra l-korruzzjoni, b'mekkaniżmi ta' implimentazzjoni u monitoraġġ*** biex jindirizzaw ir-riskji ewlenin fis-setturi identifikati***; u***

Or. en

Emenda 38

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 5 – subparagrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) jiżguraw li r-riżultati tal-valutazzjonijiet ikunu disponibbli għall-pubbliku.

Or. en

Emenda 39

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jippromwovu t-trasparenza u r-responsabbiltà fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi. L-Istati Membri għandhom, b'mod partikolari, jieħdu l-passi meħtieġa biex jistabbilixxu sistemi xierqa ta' akkwist, ibbażati fuq it-trasparenza, il-kompetizzjoni u kriterji oġġettivi fit-teħid ta' deċiżjonijiet. ***L-Istati Membri għandhom jippubblikaw***

informazzjoni f'formati ta' data miftuħa li tinkludi baġits tal-gvern, infiq tal-gvern, akkwist pubbliku, rekords tal-votazzjoni, permessi u konċessjonijiet, u sussidji mill-Istat, iżda mhix limitata għalihom.

Or. en

Emenda 40

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. ***Fejn ikun xieraq,*** l-Istati Membri għandhom ***jieħdu miżuri biex jippromwovu l-parteċipazzjoni tas-soċjetà*** ċivili, ***tal-organizzazzjonijiet*** mhux governattivi u ***tal-organizzazzjonijiet*** ibbażati fil-komunità f'attivitajiet kontra l-korruzzjoni.	6. L-Istati Membri għandhom ***jinvolvu ruħhom u jikkonsultaw b'mod attiv mas-soċjetà*** ċivili, ***l-organizzazzjonijiet*** mhux governattivi u ***l-organizzazzjonijiet*** ibbażati fil-komunità f'attivitajiet ***u valutazzjonijiet*** kontra l-korruzzjoni. ***L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu ambjent favorevoli għas-soċjetà ċivili biex taħdem u jkollha involviment sinifikanti f'attivitajiet kontra l-korruzzjoni. .***

Or. en

Emenda 41

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jipprevjenu l-korruzzjoni li tinvolvi s-settur privat permezz tal-iżvilupp ta' kodiċijiet ta' kondotta, it-titjib tal-istandards tal-kontabbiltà u tal-awditjar, kif ukoll il-kontrolli interni u t-trasparenza, filwaqt li jikkunsidraw l-awditjar estern, b'mod partikolari f'setturi ta' riskju għoli u jippromwovu l-kooperazzjoni mal-infurzar tal-liġi.

Or. en

Emenda 42

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ikunu ***funzjonalment*** indipendenti mill-gvern u jkollhom għadd suffiċjenti ta' persunal ikkwalifikat u r-riżorsi finanzjarji, tekniċi u teknoloġiċi, kif ukoll is-setgħat u l-għodod meħtieġa biex tiġi żgurata l-amministrazzjoni xierqa tal-kompiti tagħhom;	(a) ikunu indipendenti mill-gvern ***u kapaċi jieħdu d-deċiżjonijiet b'mod awtonomu fuq każijiet individwali*** u jkollhom għadd suffiċjenti ta' persunal ikkwalifikat u r-riżorsi finanzjarji, tekniċi u teknoloġiċi, kif ukoll is-setgħat u l-għodod meħtieġa biex tiġi żgurata l-amministrazzjoni xierqa tal-kompiti tagħhom;

Or. en

Emenda 43

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) jipprovdu rapporti annwali dwar l-attivitajiet tagħhom u r-riżultati tagħhom;

Or. en

Emenda 44

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cb) jipprovdu u jaġġornaw bażi tad-data dwar każijiet ta' korruzzjoni, inkluż kundanni, danni u assi rkuprati kull sena;

Or. en

Emenda 45

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għall-identifikazzjoni, l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni jew l-aġġudikazzjoni tar-reati kriminali msemmija f'din id-Direttiva jkunu kontinwament ipprovduti b'għadd adegwat ta' persunal kwalifikat u r-riżorsi finanzjarji, tekniċi u teknoloġiċi meħtieġa għat-twettiq effettiv tal-funzjonijiet tagħhom relatati mal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għall-identifikazzjoni, l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni jew l-aġġudikazzjoni tar-reati kriminali ***u għall-miżuri preventivi*** msemmija f'din id-Direttiva jkunu kontinwament ipprovduti b'għadd adegwat ta' persunal kwalifikat u r-riżorsi finanzjarji, tekniċi u teknoloġiċi meħtieġa għat-twettiq effettiv tal-funzjonijiet tagħhom relatati mal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 46

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura riżorsi adegwati u l-għoti ta' taħriġ għall-uffiċjali nazzjonali tiegħu biex ikunu jistgħu jidentifikaw forom differenti ta' korruzzjoni u riskji ta' korruzzjoni li jistgħu jseħħu fl-eżerċizzju ta' dmirijiethom u biex jirreaġixxu b'mod f'waqtu u xieraq għal kwalunkwe attività suspettuża.	1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura riżorsi adegwati u l-għoti ta' taħriġ għall-uffiċjali nazzjonali tiegħu biex ikunu jistgħu ***jipprevjenu u*** jidentifikaw forom differenti ta' korruzzjoni u riskji ta' korruzzjoni li jistgħu jseħħu fl-eżerċizzju ta' dmirijiethom u biex jirreaġixxu b'mod f'waqtu u xieraq għal kwalunkwe attività suspettuża.

Or. en

Emenda 47

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura riżorsi adegwati u l-għoti ta' taħriġ speċjalizzat kontra l-korruzzjoni f'intervalli regolari għall-membri tiegħu tal-infurzar tal-liġi, il-ġudikatura u l-persunal tal-awtoritajiet inkarigati minn investigazzjonijiet kriminali u proċedimenti ta' reati li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.	2. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura riżorsi adegwati u l-għoti ta' taħriġ speċjalizzat kontra l-korruzzjoni f'intervalli regolari għall-membri tiegħu tal-infurzar tal-liġi, il-ġudikatura u l-persunal tal-awtoritajiet inkarigati minn investigazzjonijiet kriminali u ***amministrattivi u*** proċedimenti ta' reati li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 48

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-wegħda, l-offerta jew ***l-għoti***, direttament jew permezz ta' intermedjarju, ta' vantaġġ ta' kwalunkwe tip lil uffiċjal pubbliku għal dak l-uffiċjal jew għal parti terza sabiex l-uffiċjal pubbliku jaġixxi jew joqgħod lura milli jaġixxi ***f'konformità mad-dmir tiegħu*** jew fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' dak l-uffiċjal (tixħim attiv);	(a) il-wegħda, l-offerta***, l-għoti*** jew ***l-ippremjar***, direttament jew permezz ta' intermedjarju, ta' vantaġġ ***indebitu*** ta' kwalunkwe tip lil uffiċjal pubbliku għal dak l-uffiċjal jew għal parti terza sabiex l-uffiċjal pubbliku jaġixxi jew joqgħod lura milli jaġixxi jew fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' dak l-uffiċjal (tixħim attiv);

Or. en

Emenda 49

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-talba jew ir-riċevuta minn uffiċjal pubbliku, direttament jew permezz ta' intermedjarju, ta' vantaġġ ta' kwalunkwe tip jew il-wegħda ta' tali vantaġġ għal dak l-uffiċjal jew għal parti terza, sabiex l-uffiċjal pubbliku jaġixxi jew joqgħod lura milli jaġixxi ***f'konformità mad-dmir tiegħu*** jew fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' dak l-uffiċjal (tixħim passiv).	(b) it-talba jew ir-riċevuta minn uffiċjal pubbliku, direttament jew permezz ta' intermedjarju, ta' vantaġġ ***indebitu*** ta' kwalunkwe tip ***jew l-aċċettazzjoni ta' offerta*** jew il-wegħda ta' tali vantaġġ għal dak l-uffiċjal jew għal parti terza, sabiex l-uffiċjal pubbliku jaġixxi jew joqgħod lura milli jaġixxi jew fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' dak l-uffiċjal (tixħim passiv).

Or. en

Emenda 50

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-wegħda, l-offerta jew ***l-għoti,*** direttament jew permezz ta' intermedjarju, ta' vantaġġ indebitu ta' kwalunkwe tip lil persuna li fi kwalunkwe kapaċità tmexxi jew taħdem għal entità tas-settur privat, għal dik il-persuna jew għal parti terza, sabiex dik il-persuna taġixxi jew toqgħod lura milli taġixxi, bi ksur tad-dmirijiet ta' dik il-persuna (tixħim attiv);	(a) il-wegħda, l-offerta***, l-għoti*** jew ***l-ippremjar*** direttament jew permezz ta' intermedjarju, ta' vantaġġ indebitu ta' kwalunkwe tip lil persuna li fi kwalunkwe kapaċità tmexxi jew taħdem għal entità tas-settur privat, għal dik il-persuna jew għal parti terza, sabiex dik il-persuna taġixxi jew toqgħod lura milli taġixxi, bi ksur tad-dmirijiet ta' dik il-persuna (tixħim attiv);

Or. en

Emenda 51

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-talba jew ir-riċevuta minn persuna, direttament jew permezz ta' intermedjarju, ta' vantaġġ indebitu ta'	(b) it-talba jew ir-riċevuta minn persuna, direttament jew permezz ta' intermedjarju, ta' vantaġġ indebitu ta'

kwalunkwe tip jew il-wegħda ta' tali vantaġġ, għal dik il-persuna jew għal parti terza, waqt li fi kwalunkwe kapaċità tkun qiegħda tmexxi jew taħdem għal entità tas-settur privat, biex taġixxi jew toqgħod lura milli taġixxi, bi ksur tad-dmirijiet ta' dik il-persuna (tixħim passiv).	kwalunkwe tip jew ***l-aċċettazzjoni ta' offerta jew*** il-wegħda ta' tali vantaġġ, għal dik il-persuna jew għal parti terza, waqt li fi kwalunkwe kapaċità tkun qiegħda tmexxi jew taħdem għal entità tas-settur privat, biex taġixxi jew toqgħod lura milli taġixxi, bi ksur tad-dmirijiet ta' dik il-persuna (tixħim passiv).

Or. en

Emenda 52

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. l-użu, direttament jew permezz ta' intermedjarju, ta' forza fiżika, theddid jew intimidazzjoni jew il-wegħda, l-offerta jew l-għoti ta' vantaġġ biex tiġi indotta xhieda falza jew għall-interferenza fl-għoti tax-xhieda jew fil-produzzjoni tal-evidenza fi proċediment li jikkonċerna ***kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 7 sa 11, 13 u 14***;	1. l-użu, direttament jew permezz ta' intermedjarju, ta' forza fiżika, theddid jew intimidazzjoni jew il-wegħda, l-offerta jew l-għoti ta' vantaġġ biex tiġi indotta xhieda falza jew għall-interferenza fl-għoti tax-xhieda jew fil-produzzjoni tal-evidenza fi proċediment li jikkonċerna ***r-reati ta' korruzzjoni***;

Or. en

Emenda 53

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. l-użu, direttament jew permezz ta' intermedjarju, ta' forza fiżika, theddid jew intimidazzjoni biex issir interferenza fl-eżerċizzju tad-dmirijiet uffiċjali minn persuna li jkollha kariga ġudizzjarja jew membru tal-infurzar tal-liġi dwar ***kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 7 sa 11, 13 u 14.***	2. l-użu, direttament jew permezz ta' intermedjarju, ta' forza fiżika, theddid jew intimidazzjoni biex issir interferenza fl-eżerċizzju tad-dmirijiet uffiċjali minn persuna li jkollha kariga ġudizzjarja jew membru tal-infurzar tal-liġi dwar ***ir-reati ta' korruzzjoni;***

Or. en

Emenda 54

Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. il-qerda, il-modifika, il-ħabi jew il-falsifikazzjoni ta' evidenza bl-intenzjoni ta' ndħil fi proċediment li jikkonċerna r-reati ta' korruzzjoni.

Or. en

Emenda 55

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-akkwiżizzjoni, il-pussess jew l-użu intenzjonat minn uffiċjal pubbliku ta' proprjetà li ***dak l-uffiċjal ikun jaf li ġejja mit-twettiq ta' kwalunkwe wieħed mir-reati stabbiliti fl-Artikoli 7 sa 12 u 14***, ***ikun punibbli bħala reat kriminali, irrispettivament*** minn ***jekk dak l-uffiċjal kienx involut*** fit-twettiq ta' ***dak ir-reat***.	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-akkwiżizzjoni, il-pussess jew l-użu intenzjonat minn uffiċjal pubbliku ta' proprjetà li ***tkun sproporzjonata b'mod sinifikanti u ma tistax tiġi ġġustifikata mill-introjtu legali tal-uffiċjal pubbliku għandhom ikunu punibbli bħala reat kriminali***, ***fejn il-qorti nazzjonali tkun sodisfatta li tali proprjetà tkun ġejja*** minn ***kwalunkwe tip ta' involviment kriminali*** fit-twettiq ta' ***reat kif stabbilit f'din id-Direttiva***.

Or. en

Emenda 56

Proposta għal direttiva
Artikolu 13 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fid-determinazzjoni ta' jekk il-proprjetà inkwistjoni tkunx derivata minn kwalunkwe tip ta' involviment kriminali fit-twettiq ta' reat kif stabbilit f'din id-Direttiva, għandhom jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Mhuwiex meħtieġ li jiġu stabbiliti l-elementi fattwali kollha jew iċ-ċirkostanzi kollha relatati ma' dak l-involviment kriminali, inkluża l-identità tal-awtur u huwa irrilevanti jekk il-persuna wettqitx, jew kinitx involuta, fl-involviment kriminali li minnu tkun ġiet il-proprjetà.
	Or. en

Emenda 57

Proposta għal direttiva
Artikolu 13a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 13a
	Ħabi
	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li, meta jitwettaq intenzjonalment, il-ħabi jew iż-żamma kontinwa ta' proprjetà minn persuna li tkun taf li tali proprjetà hija r-riżultat ta' kwalunkwe wieħed mir-reati stabbiliti f'konformità ma' din id-Direttiva, anke mingħajr ma l-persuna tkun ipparteċipat fit-twettiq ta' tali reati, tkun punibbli bħala reat kriminali.
	Or. en

Emenda 58

Proposta għal direttiva
Artikolu 13b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Article13b
	Imġiba uffiċjali ħażina
	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-ksur bi ħtija minn uffiċjal pubbliku ta' dmir uffiċjali, billi jonqos milli jwettqu jew billi jwettqu b'mod difettuż, jekk jikkawża dannu jew ħsara għad-drittijiet jew għall-interessi leġittimi ta' persuna fiżika jew ta' persuna ġuridika, għandu jkun punibbli bħala reat kriminali.

Or. en

Emenda 59

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 - paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. 1.L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-inċitament ta' kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 7 sa ***13 ikun*** punibbli bħala reat kriminali.	1. 1.L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-inċitament ta' kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 7 sa ***13a jkun*** punibbli bħala reat kriminali.

Or. en

Emenda 60

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-għajnuna u l-assistenza ta' kwalunkwe	2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-għajnuna u l-assistenza ta' kwalunkwe

wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 7 sa ***13*** ikunu punibbli bħala reat kriminali.	wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 7 sa ***13a*** ikunu punibbli bħala reat kriminali.

Or. en

Emenda 61

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ir-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 7 u 12 ikunu punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-anqas ***6*** snin;	(a) ir-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 7 u 12 ikunu punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-anqas ***seba'*** snin;

Or. en

Emenda 62

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ir-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 8 sa 11 ikunu punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-anqas 5 snin; ***u***	(b) ir-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 8 sa 11 ikunu punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-anqas ***sitt*** snin;

Or. en

Emenda 63

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ir-reat kriminali msemmi fl-Artikolu 13 ikun punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-anqas ***4***	(c) ir-reat kriminali msemmi fl-Artikolu 13 ***u 13a*** ikun punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-anqas

snin.	***ħames*** snin. ***u***

Or. en

Emenda 64

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) ir-reat kriminali msemmi fl-Artikolu 13b ikun punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-anqas tliet snin.

Or. en

Emenda 65

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta reat kriminali msemmi fl-Artikolu 9 jinvolvi dannu ta' anqas minn EUR 10 000 jew vantaġġ ta' anqas minn EUR 10 000, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu sanzjonijiet oħra minflok sanzjonijiet kriminali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 66

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri

għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni fiżiċi li jkunu nstabu ħatja li wettqu wieħed mir-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 7 sa 14 għandhom jiġu soġġetti għal sanzjonijiet jew miżuri imposti minn awtorità kompetenti u li ma jkunux neċessarjament ta' natura kriminali, inklużi:

(a) it-tneħħija, is-sospensjoni u r-riassenjazzjoni minn kariga pubblika;

(b) l-iskwalifika minn:

(i) l-okkupazzjoni ta' kariga pubblika;

(ii) l-eżerċizzju ta' funzjoni ta' servizz pubbliku;

(c) iċ-ċaħda tad-dritt li wieħed joħroġ għall-elezzjonijiet, proporzjonat mas-serjetà tar-reat imwettaq, li għandu jkun ta' mill-inqas żewġ mandati konsekuttivi jew għaxar snin għal uffiċjali ta' livell għoli;

(d) l-esklużjoni mill-aċċess għall-finanzjament pubbliku, inklużi proċeduri ta' sejħiet għall-offerti, għotjiet u konċessjonijiet.

Or. en

Il-paragrafu 3a (ġdid) huwa adattament tal-Artikolu 15(4) tal-proposta tal-Kummissjoni.

Emenda 67

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-tneħħija, is-sospensjoni u r-riassenjazzjoni minn kariga pubblika;	***imħassar***

Or. en

Emenda 68

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 4 – punt c – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) l-okkupazzjoni ta' kariga pubblika;	***imħassar***

Or. en

Emenda 69

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 4 – punt c – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) l-eżerċizzju ta' funzjoni ta' servizz pubbliku;	***imħassar***

Or. en

Emenda 70

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 4 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) iċ-ċaħda tad-dritt għall-kandidatura għall-elezzjonijiet, proporzjonata mal-gravità tar-reat imwettaq; u	***imħassar***

Or. en

Emenda 71

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 4 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) l-esklużjoni mill-aċċess għall-finanzjament pubbliku, inklużi proċeduri ta' sejħiet għall-offerti, għotjiet u konċessjonijiet;	***imħassar***

Or. en

Emenda 72

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-Istati Membri għandhom iqisu l-gravità tar-reati kkonċernati meta jikkunsidraw l-eventwalità ta' sentenzi sospiżi, ir-rilaxx bikri, il-libertà kundizzjonata jew il-maħfra ta' persuni kkundannati għal tali reati.

Or. en

Emenda 73

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) multi kriminali jew mhux kriminali, li l-limitu massimu tagħhom ***jenħtieġ li*** ma ***jkunx*** anqas minn 5 fil-mija tal-fatturat dinji totali tal-persuna ġuridika, inklużi l-entitajiet relatati, fis-sena kontabilistika ta' qabel id-deċiżjoni li timponi l-multa;	(a) multi kriminali jew mhux kriminali, li l-limitu massimu tagħhom ma ***għandux ikun*** anqas minn 5 fil-mija tal-fatturat dinji totali tal-persuna ġuridika, inklużi l-entitajiet relatati, fis-sena kontabilistika ta' qabel id-deċiżjoni li timponi l-multa;

Or. en

Emenda 74

Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***l-awtur tar-reat ikun*** uffiċjal ta' livell għoli;	(a) ***ir-reat ikun jinvolvi uffiċjal pubbliku li jkun*** uffiċjal ta' livell għoli;

Or. en

Emenda 75

Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-awtur tar-reat ikun instab ħati qabel ta' reat imsemmi fl-Artikoli 7 sa 14;	(b) l-awtur tar-reat***, inkluż l-entitajiet, inklużi l-impriżi omm jew l-impriżi sussidjarji jekk l-awtur tar-reat ikun persuna ġuridika,*** ikun instab ħati qabel ta' reat imsemmi fl-Artikoli 7 sa 14 ***fi Stat Membru jew reati ekwivalenti f'pajjiż terz***;

Or. en

Emenda 76

Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-awtur tar-reat jeżerċita funzjonijiet ta' investigazzjoni, prosekuzzjoni jew aġġudikazzjoni;	(e) l-awtur tar-reat jeżerċita funzjonijiet ta' investigazzjoni, prosekuzzjoni***, riżoluzzjoni għat-tilwim*** jew aġġudikazzjoni;

Or. en

Emenda 77

Proposta għal direttiva
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-privileġġi jew l-immunitajiet mill-investigazzjoni u mill-prosekuzzjoni mogħtija lill-uffiċjali nazzjonali għar-reati msemmija f'din id-Direttiva ***jkunu jistgħu jitneħħew permezz ta' proċess oġġettiv, imparzjali, effettiv u trasparenti stabbilit minn qabel bil-liġi, abbażi ta' kriterji ċari, u li jiġi konkluż f'perjodu ta' żmien raġonevoli.***	***1.*** L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-privileġġi jew l-immunitajiet mill-investigazzjoni u mill-prosekuzzjoni mogħtija lill-uffiċjali nazzjonali għar-reati msemmija f'din id-Direttiva ***għandhom:***

Or. en

Emenda 78

Proposta għal direttiva
Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(a) ikunu limitati għal atti mwettqa fil-qadi ta' dmirijiet uffiċjali;

Or. en

Emenda 79

Proposta għal direttiva
Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b) japplikaw biss għal atti mwettqa matul il-mandat jew perjodu ta' servizz ta' persuna bħala uffiċjal pubbliku; u

Or. en

Emenda 80

Proposta għal direttiva
Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(c) jitneħħew permezz ta' proċess oġġettiv, imparzjali, effettiv u trasparenti stabbilit minn qabel bil-liġi, ibbażat fuq kriterji ċari, u li jiġi konkluż fi żmien raġonevoli.

Or. en

Emenda 81

Proposta għal direttiva
Artikolu 19 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw miżuri biex jeliminaw l-immunità funzjonali mill-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni għall-uffiċjali nazzjonali u tal-Unjoni f'każijiet ta' korruzzjoni kbira.

Or. en

Emenda 82

Proposta għal direttiva
Artikolu 19 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu proċeduri li permezz tagħhom uffiċjal pubbliku akkużat b'reat kif imsemmi f'din id-Direttiva jista', fejn xieraq, jitneħħa, jiġi sospiż jew assenjat mill-ġdid mill-awtorità xierqa, filwaqt li

jżommu f'moħħhom ir-rispett għall-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza.

Or. en

Emenda 83

Proposta għal direttiva
Artikolu 19 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1c. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li kwalunkwe setgħa legali diskrezzjonali skont il-liġi domestika tagħhom relatata mal-prosekuzzjoni ta' persuni għal reati msemmija f'din id-Direttiva tiġi eżerċitata bil-konsultazzjoni interna xierqa u b'kont debitu meħud tal-ħtieġa li jiġi skoraġġut it-twettiq ta' tali reati.

Or. en

Emenda 84

Proposta għal direttiva
Artikolu 19 – paragrafu 1d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1d. Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet mogħtija lill-vittmi tal-kriminalità skont id-Direttiva 2012/29/UE fil-każ ta' deċiżjoni li ma ssirx prosekuzzjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe organizzazzjoni li għandha l-għan li tiġġieled il-korruzzjoni jkollha d-dritt għal rieżami ta' deċiżjoni ta' prosekuzzjoni relatata ma':
	(a) il-ftuħ jew in-nuqqas ta' ftuħ tal-investigazzjoni jew tal-prosekuzzjoni;
	(b) is-sospensjoni tal-investigazzjoni jew prosekuzzjoni;

(c) id-diskontinwità tal-investigazzjoni jew tal-prosekuzzjoni.

Or. en

Emenda 85

Proposta għal direttiva
Artikolu 19 – paragrafu 1e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1e. Id-determinazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni u l-kundizzjonijiet li taħthom l-istħarriġ ġudizzjarju kif imsemmi fil-paragrafu 3 għandu jkun irregolat mil-liġi nazzjonali u għandu jinkludi salvagwardji kontra lmenti vessatorji.

Or. en

Emenda 86

Proposta għal direttiva
Artikolu 19 – paragrafu 1f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1f. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda immunità personali mill-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni mogħtija lill-uffiċjali nazzjonali fuq proprjetà li tkun proprjetà permezz ta' persuni ġuridiċi jew arranġamenti li huma veikoli personali ta' żamma ta' assi.

Or. en

Emenda 87

Proposta għal direttiva
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ir-reat jitwettaq għall-benefiċċju ta' persuna ġuridika stabbilita fit-territorju ta' dak l-Istat Membru**.**	(c) ir-reat jitwettaq għall-benefiċċju ta' persuna ġuridika stabbilita fit-territorju ta' dak l-Istat Membru***;***

Or. en

Emenda 88

Proposta għal direttiva
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) ir-reat jitwettaq fi kwalunkwe Stat Membru, fil-każ ta' korruzzjoni kbira.

Or. en

Emenda 89

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) tmien snin minn meta jkun twettaq ir-reat, għar-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 13 ***u*** 14.	(c) tmien snin minn meta jkun twettaq ir-reat, għar-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 13 ***sa*** 14.

Or. en

Emenda 90

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ħames snin għar-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 13 ***u*** 14.	(c) ħames snin għar-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 13 ***sa*** 14.

Or. en

Emenda 91

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 4 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) tmien snin mid-data tal-kundanna finali għal kwalunkwe wieħed mir-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 13 ***u*** 14.	(c) tmien snin mid-data tal-kundanna finali għal kwalunkwe wieħed mir-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 13 ***sa*** 14.

Or. en

Emenda 92

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ħames snin mid-data tal-kundanna finali għal kwalunkwe wieħed mir-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 13 ***u*** 14.	(c) ħames snin mid-data tal-kundanna finali għal kwalunkwe wieħed mir-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 13 ***sa*** 14.

Or. en

Emenda 93

Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li d-	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li d-

Direttiva (UE) 2019/1937 tkun applikabbli għar-rapportar tar-reati msemmija fl-Artikoli 7 sa 14 u l-protezzjoni tal-persuni li jirrapportaw tali reati.	Direttiva (UE) 2019/1937 tkun applikabbli għar-rapportar tar-reati msemmija fl-Artikoli 7 sa 14 u l-protezzjoni tal-persuni***, inklużi l-ġurnalisti investigattivi,*** li jirrapportaw tali reati.
	Or. en

Emenda 94

Proposta għal direttiva
Artikolu 23 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li għodod ta' investigazzjoni effettivi, bħal dawk użati fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata jew reati serji oħra, ikunu disponibbli għall-persuni, l-unitajiet jew is-servizzi responsabbli għall-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tar-reati kriminali msemmija f'din id-Direttiva.	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li għodod ta' investigazzjoni effettivi, bħal dawk użati fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata jew reati serji oħra, ***inklużi dawk elenkati fid-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew f'materji kriminali, jew dawk użati fil-qasam tal-kriminalità finanzjarja, bħall-punt uniku ta' aċċess għar-reġistri tal-kontijiet bankarji f'konformità mad-Direttiva (UE) 2019/1153 jew għodod oħra li jgħinu biex tinkiseb informazzjoni dwar il-kumpaniji biex tiġi identifikata s-sjieda benefiċjarja,*** ikunu disponibbli għall-persuni, l-unitajiet jew is-servizzi responsabbli għall-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tar-reati kriminali msemmija f'din id-Direttiva.
	Or. en

Emenda 95

Proposta għal direttiva
Artikolu 23a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 23a
	Skambju ta' informazzjoni
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi speċjalizzati kollha, kif imsemmija fl-Artikolu 4, ikollhom aċċess dirett għas-SIENA u jużaw is-sistema SIENA għall-iskambju ta' informazzjoni f'investigazzjonijiet transfruntiera.

Or. en

Emenda 96

Proposta għal direttiva
Artikolu 23b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 23b
	Id-drittijiet tal-vittmi u l-kumpens għad-danni
	1. L-Istati Membri għandhom jipproteġu u jippermettu lill-vittmi jkollhom il-fehmiet u t-tħassib tagħhom ippreżentati u kkunsidrati fi stadji xierqa matul il-proċedimenti kriminali kontra t-trasgressuri, b'mod li ma jippreġudikax id-drittijiet tad-difiża.
	2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li d-drittijiet mogħtija lill-vittmi skont id-Direttiva 2012/29/UE jkunu applikabbli wkoll għall-vittmi tal-korruzzjoni, u biex jiżguraw li kwalunkwe vittma ta' korruzzjoni:
	(a) tiġi identifikata u notifikata bl-istatus tiegħu/tagħha bħala vittma ta' korruzzjoni mill-aktar fis possibbli;
	(b) mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 11(5) tad-Direttiva 2012/29/UE, ikollha d-dritt għal rieżami ta' deċiżjoni li

ma ssirx prosekuzzjoni jew għal deċiżjoni li tiddaħol f'riżoluzzjoni mingħajr proċess kriminali;

(c) ikollha d-dritt għal sodisfazzjon inkluż, iżda mhux limitat għal, rikonoxximent tal-ksur, espressjoni ta' dispjaċir, apoloġija formali jew modalità xierqa oħra;

(d) ikollha d-dritt għal garanzija ta' nonrepetizzjoni; u

(e) tkun intitolata għal rimedju b'mandat ta' inibizzjoni fejn applikabbli.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe organizzazzjoni mhux governattiva kwalifikata ta' interess pubbliku kif determinat mil-liġi nazzjonali tista', bħala rappreżentanti tal-interessi tal-vittmi tal-korruzzjoni u f'konformità mal-liġi nazzjonali, tieħu azzjoni quddiem il-qrati jew il-korpi amministrattivi kompetenti biex tiżgura li d-drittijiet tagħhom skont il-paragrafu 2 jiġu protetti.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu dawk il-miżuri kif meħtieġ biex jiżguraw li l-entitajiet jew il-persuni li jkunu sofrew dannu b'riżultat ta' att ta' korruzzjoni jkollhom id-dritt li jibdew proċedimenti legali kontra dawk responsabbli għal dak id-dannu sabiex jiksbu kumpens.

Or. en

Emenda 97

Proposta għal direttiva
Artikolu 24 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar il-kooperazzjoni transfruntiera u l-assistenza legali reċiproka f'materji kriminali, l-awtoritajiet tal-Istati Membri, il-Europol, il-Eurojust, l-Uffiċċju tal-Prosekutur	Mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar il-kooperazzjoni transfruntiera u l-assistenza legali reċiproka f'materji kriminali, l-awtoritajiet tal-Istati Membri, il-Europol, il-Eurojust, l-Uffiċċju tal-Prosekutur

Pubbliku Ewropew, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u l-Kummissjoni għandhom, fil-kompetenzi rispettivi tagħhom, jikkooperaw ma' xulxin fil-ġlieda kontra r-reati kriminali msemmija f'din id-Direttiva. Għal dak il-għan, fejn ikun xieraq, il-Europol, il-Eurojust, l-Uffiċċju ***tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, l-Uffiċċju*** Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), u l-Kummissjoni għandhom jipprovdu assistenza teknika u operazzjonali f'konformità mal-mandati rispettivi tagħhom biex jiffaċilitaw il-koordinazzjoni tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti.	Pubbliku Ewropew, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) u l-Kummissjoni għandhom, fil-kompetenzi rispettivi tagħhom, jikkooperaw ma' xulxin fil-ġlieda kontra r-reati kriminali msemmija f'din id-Direttiva. Għal dak il-għan, fejn ikun xieraq, il-Europol, il-Eurojust, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), u l-Kummissjoni għandhom jipprovdu assistenza teknika u operazzjonali f'konformità mal-mandati rispettivi tagħhom biex jiffaċilitaw il-koordinazzjoni tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti ***u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew***.

Or. en

Emenda 98

Proposta għal direttiva
Artikolu 25 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) tiffaċilita l-kooperazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki fost il-prattikanti, l-esperti, ir-riċerkaturi u partijiet ikkonċernati oħra tal-Istati Membri;	(a) tiffaċilita l-kooperazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki fost il-prattikanti, ***is-soċjetà ċivili,*** l-esperti ***indipendenti***, ir-riċerkaturi u partijiet ikkonċernati oħra tal-Istati Membri;

Or. en

Emenda 99

Proposta għal direttiva
Artikolu 26 – paragrafu 2 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) l-għadd ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska, kif ukoll il-valur stmat tagħhom;

Or. en

Emenda 100

Proposta għal direttiva
Artikolu 26 – paragrafu 2 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(k) l-għadd ta' kundanni maħfura, bi speċifikazzjoni tal-għadd ta' maħfriet ***lil uffiċjali*** pubbliċi u ***lil uffiċjali*** ta' livell għoli.	(k) l-għadd ta' kundanni maħfura, bi speċifikazzjoni tal-għadd ta' maħfriet ***lill-uffiċjali*** pubbliċi u ***lill-uffiċjali*** ta' livell għoli.

Or. en

Emenda 101

Proposta għal direttiva
Artikolu 26 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom, fuq bażi annwali u sal-1 ta' Ġunju, jippubblikaw, f'format li jinqara minn magna u diżaggregat, id-data statistika msemmija fil-paragrafu 2 għas-sena preċedenti u jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan.	3. L-Istati Membri għandhom, fuq bażi annwali u sal-1 ta' Ġunju, jippubblikaw, f'format li ***jkun miftuħ, li*** jinqara minn magna***, aċċessibbli, traċċabbli*** u ***li jista' jerġa' jintuża, flimkien mal-metadata tagħhom u kif definit fid-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku u f'format*** diżaggregat, id-data statistika msemmija fil-paragrafu 2 għas-sena preċedenti u jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan.

Or. en

Emenda 102

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt 2

Id-Direttiva (UE) 2017/1371
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) ***Fl-Artikolu*** 4(2)***, il-kliem “korruzzjoni passiva u attiva”, “korruzzjoni passiva” u “korruzzjoni attiva” huma sostitwiti rispettivament bi “tixħim passiv u attiv fis-settur pubbliku”, “tixħim passiv fis-settur pubbliku” u “tixħim attiv fis-settur pubbliku”.***	(2) ***L-Artikolu*** 4(2) ***jiġi sostitwit b’dan li ġej:***
	‘(1) L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-imġiba li ġejja tkun punibbli bħala reat kriminali, meta titwettaq intenzjonalment: (a) il-wegħda, l-offerta, l-għoti jew l-ippremjar, direttament jew permezz ta’ intermedjarju, ta’ vantaġġ ta’ kwalunkwe tip lil uffiċjal pubbliku għal dak l-uffiċjal jew għal parti terza sabiex l-uffiċjal pubbliku jaġixxi jew joqgħod lura milli jaġixxi jew fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta’ dak l-uffiċjal b’mod li jagħmel dannu jew aktarx jagħmel dannu lill-interessi finanzjarji tal-Unjoni (tixħim attiv);
	(b) it-talba jew ir-riċevuta minn uffiċjal pubbliku, direttament jew permezz ta’ intermedjarju, ta’ vantaġġ ta’ kwalunkwe tip ta’ vantaġġ mhux dovut jew l-aċċettazzjoni ta’ offerta jew il-wegħda ta’ tali vantaġġ għal dak l-uffiċjal jew għal parti terza, sabiex l-uffiċjal pubbliku jaġixxi jew joqgħod lura milli jaġixxi f’konformità jew fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta’ dak l-uffiċjal b’mod li jagħmel dannu jew aktarx jagħmel dannu lill-interessi finanzjarji tal-Unjoni (tixħim passiv).
	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li jkun preżunt li kwalunkwe att ta’ tixħim passiv jew imwettaq minn “uffiċjal tal-Unjoni”, għandu l-għan li jiddevja r-riżorsi mill-eżerċizzju legali tal-kariga pubblika tagħhom u, bħala tali, jimplika dannu għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

(2) L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-imġiba li ġejja tkun punibbli bħala reat kriminali, meta titwettaq intenzjonalment u matul attivitajiet ekonomiċi, finanzjarji, ta' negozju jew kummerċjali:

(a) il-wegħda, l-offerta, l-għoti jew l-ippremjar, direttament jew permezz ta' intermedjarju, ta' vantaġġ indebitu ta' kwalunkwe tip lil persuna li fi kwalunkwe kapaċità tmexxi jew taħdem għal entità tas-settur privat, għal dik il-persuna jew għal parti terza, sabiex dik il-persuna taġixxi jew toqgħod lura milli taġixxi, bi ksur tad-dmirijiet ta' dik il-persuna li b'xi mod tkun ta' dannu jew aktarx tkun ta' dannu għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni (tixħim attiv);

(b) it-talba jew ir-riċevuta minn persuna, direttament jew permezz ta' intermedjarju, ta' vantaġġ indebitu ta' kwalunkwe tip jew il-wegħda ta' tali vantaġġ, għal dik il-persuna jew għal parti terza, waqt li fi kwalunkwe kapaċità tkun qiegħda tmexxi jew taħdem għal entità tas-settur privat, biex taġixxi jew toqgħod lura milli taġixxi, jew fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' dak l-uffiċjal b'mod li jagħmel dannu jew aktarx jagħmel dannu lill-interessi finanzjarji tal-Unjoni (tixħim passiv).

Or. en

Emenda 103

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)
Id-Direttiva (UE) 2017/1371
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(2a) L-Artikolu 4(3) huwa sostitwit b'dan li ġej:
3. L-Istati Membri għandhom jieħdu	***"***3. L-Istati Membri għandhom jieħdu

l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li ***l-miżapproprijazzjoni, meta titwettaq intenzjonalment, tikkostitwixxi*** reat kriminali***.***	l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li ***l-imġiba li ġejja tkun punibbli bħala*** reat kriminali***, meta titwettaq intenzjonalment:***
Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, ***"miżapproprijazzjoni tfisser" l-azzjoni ta'*** uffiċjal pubbliku ***inkarigat direttament jew indirettament bil-ġestjoni ta' fondi*** jew ***assi biex jikkommetti jew jiġu żburżjati fondi, jew japproprja jew juża assi kuntrarju għall-iskop*** li ***kienu intenzjonati għalih bi kwalunkwe mod*** li jagħmel ***ħsara*** lill-interessi finanzjarji tal-Unjoni***.***	***(a) l-impenn, l-iżborż***, ***l-approprjazzjoni jew l-użu minn*** uffiċjal pubbliku ***ta' proprjetà li l-ġestjoni tagħha tkun direttament*** jew ***indirettament fdata lilu bi ksur tal-iskop li għalih kienet maħsuba bi kwalunkwe mod*** li ***jagħmel dannu lill-interessi finanzjarji tal-Unjoni jew*** li ***aktarx*** jagħmel ***dannu*** lill-interessi finanzjarji tal-Unjoni***;***
	(b) l-impenn, l-iżborż, l-approprjazzjoni jew l-użu, matul l attivitajiet ekonomiċi, finanzjarji, ta' negozju jew kummerċjali, minn persuna li tmexxi jew taħdem, fi kwalunkwe kapaċità, f'entità tas-settur privat, ta' kwalunkwe proprjetà li l-ġestjoni tagħha tkun direttament jew indirettament fdata lilha b'mod li jmur kontra l-iskop li għalih kienet maħsuba bi kwalunkwe mod li jagħmel dannu lill-interessi finanzjarji tal-Unjoni jew li aktarx jagħmel dannu lill-interessi finanzjarji tal-Unjoni."

Or. en

Emenda 104

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt 2b (ġdid) – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2b) Fl-Artikolu 4, jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

Or. en

Emenda 105

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt 2b (ġdid)
Id-Direttiva (UE) 2017/1371
Artikolu 4 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	"3a. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-imġiba li ġejja tkun punibbli bħala reat kriminali, meta titwettaq intenzjonalment:
	(a) il-wegħda, l-offerta jew l-għoti, direttament jew permezz ta' intermedjarju, ta' vantaġġ indebitu ta' kwalunkwe tip lil persuna jew lil parti terza sabiex dik il-persuna teżerċita influwenza reali jew allegata bil-ħsieb li tikseb vantaġġ indebitu minn uffiċjal pubbliku b'mod li jagħmel dannu jew li aktarx jagħmel dannu lill-interessi finanzjarji tal-Unjoni;
	(b) it-talba jew ir-riċevuta, direttament jew permezz ta' intermedjarju, ta' vantaġġ indebitu ta' kwalunkwe tip jew il-wegħda ta' tali vantaġġ lil persuna jew lil parti terza sabiex dik il-persuna teżerċita influwenza reali jew allegata bil-ħsieb li tikseb vantaġġ indebitu minn uffiċjal pubbliku b'mod li jagħmel dannu jew li aktarx jagħmel dannu lill-interessi finanzjarji tal-Unjoni.
	Sabiex l-imġiba msemmija fil-punti (a) u (b) tkun punibbli bħala reat kriminali, għandu jkun irrilevanti jekk l-influwenza tiġix eżerċitata jew le jew jekk l-influwenza allegata twassalx għar-riżultati maħsuba jew le.

Or. en

Emenda 106

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt 2b (ġdid)
Id-Direttiva (UE) 2017/1371

Artikolu 4 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3b. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-imġiba li ġejja tkun punibbli bħala reat kriminali, meta titwettaq intenzjonalment:
	1. it-twettiq jew in-nuqqas ta' twettiq ta' att, bi ksur tal-liġijiet, minn uffiċjal pubbliku fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu bil-għan li jinkiseb vantaġġ indebitu għal dak l-uffiċjal jew għal parti terza b'mod li jagħmel dannu jew li aktarx jagħmel dannu lill-interessi finanzjarji tal-Unjoni;
	2. it-twettiq jew in-nuqqas ta' twettiq ta' att, bi ksur tad-dmirijiet, minn persuna li fi kwalunkwe kapaċità tmexxi jew taħdem għal entità tas-settur privat matul attivitajiet ekonomiċi, finanzjarji, ta' negozju jew kummerċjali bil-għan li jinkiseb vantaġġ indebitu għal dik il-persuna jew għal parti terza b'mod li jagħmel dannu jew li aktarx jagħmel dannu lill-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 107

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt 2b (ġdid)
Id-Direttiva (UE) 2017/1371
Artikolu 4 - paragrafu 3c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3c. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-imġiba li ġejja tkun punibbli bħala reat kriminali, meta titwettaq intenzjonalment:
	1. l-użu, direttament jew permezz ta' intermedjarju, ta' forza fiżika, theddid jew intimidazzjoni jew il-wegħda, l-offerta jew l-għoti ta' vantaġġ biex tiġi indotta xhieda

falza jew għall-interferenza fl-għoti tax-xhieda jew fil-produzzjoni tal-evidenza fi proċediment li jikkonċerna kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija f'din id-Direttiva;

2. l-użu, direttament jew permezz ta' intermedjarju, ta' forza fiżika, theddid jew intimidazzjoni biex issir interferenza fl-eżerċizzju tad-dmirijiet uffiċjali minn persuna li jkollha kariga ġudizzjarja jew membru tal-infurzar tal-liġi dwar kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija f'din id-Direttiva.

3. il-qerda, il-modifika, il-ħabi jew il-falsifikazzjoni ta' evidenza bl-intenzjoni ta' ndħil fi proċediment li jikkonċerna t-twettiq ta' reati kif imsemmi f'din id-Direttiva.

Or. en

Emenda 108

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt 2b (ġdid)
Id-Direttiva (UE) 2017/1371
Artikolu 4 – paragrafu 3d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3d. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-akkwist, il-pussess jew l-użu intenzjonat minn uffiċjal pubbliku ta' proprjetà li tkun sproporzjonata b'mod sinifikanti u ma tistax tiġi ġġustifikata mill-introjtu legali tal-uffiċjal pubbliku għandhom ikunu punibbli bħala reat kriminali, fejn il-qorti nazzjonali tkun sodisfatta li tali proprjetà tkun ġejja minn kwalunkwe tip ta' involviment kriminali fit-twettiq ta' reat kif stabbilit f'din id-Direttiva.
	Fid-determinazzjoni ta' jekk il-proprjetà inkwistjoni tkunx derivata minn kwalunkwe tip ta' involviment kriminali fit-twettiq ta' reat kif stabbilit f'din id-

Direttiva, għandhom jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Mhuwiex meħtieġ li jiġu stabbiliti l-elementi fattwali kollha jew iċ-ċirkostanzi kollha relatati ma' dak l-involviment kriminali, inkluża l-identità tal-awtur u huwa irrilevanti jekk il-persuna wettqitx, jew kinitx involuta, fl-involviment kriminali li minnu tkun ġiet il-proprjetà.

Or. en

Emenda 109

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt 2b (ġdid)
Id-Direttiva (UE) 2017/1371
Artikolu 4 – paragrafu 3e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3e. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li, meta jitwettaq intenzjonalment, il-ħabi jew iż-żamma kontinwa ta' proprjetà minn persuna li tkun taf li tali proprjetà hija r-riżultat ta' kwalunkwe wieħed mir-reati stabbiliti f'konformità ma' din id-Direttiva, anke mingħajr ma tkun ipparteċipat fit-twettiq tagħhom, tkun punibbli bħala reat kriminali.

Or. en

Emenda 110

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt 2b (ġdid)
Id-Direttiva (UE) 2017/1371
Artikolu 4 - paragrafu 3f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3f. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li, meta

	jitwettqu b'mod li jagħmel dannu jew li x'aktarx jagħmel dannu lill-interessi finanzjarji tal-Unjoni, il-ksur bi ħtija minn uffiċjal pubbliku ta' dmir uffiċjali, billi jonqos milli jwettqu jew billi jwettqu b'mod difettuż, jekk jikkawża dannu jew ħsara għad-drittijiet jew għall-interessi leġittimi ta' persuna fiżika jew ta' persuna ġuridika, għandu jkun punibbli bħala reat kriminali.

Or. en

Emenda 111

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt 2c (ġdid)
Id-Direttiva (UE) 2017/1371
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(2c) l-Artikolu 5(2) jiġi sostitwit b'dan li ġej:
2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li t-tentattiv ***biex jitwettaq kwalunkwe wieħed mir-reati kriminali msemmijin fl-Artikolu*** 3 ***u fl-Artikolu 4***(3) ***ikun*** punibbli bħala reat kriminali.	***"***2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li t-tentattiv ***tar-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4(3), (***3***b) sa*** (3***d***) ***ta' din id-Direttiva ikunu*** punibbli bħala reat kriminali.***"***

Or. en

Emenda 112

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt 3
Id-Direttiva (UE) 2017/1371
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati kriminali ***msemmija*** fl-Artikoli 3, ***4***(1) u (***2***) ***ikunu***	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati kriminali ***msemmijin*** fl-Artikoli 3 ***u 4(1)***, ***(2***(1***)***) u

punibbli ***b'piena*** massima ***ta' mill-anqas 6 snin priġunerija meta dawn jinvolvu dannu jew vantaġġ konsiderevoli***.	(***3c***) ***jkunu*** punibbli ***b'piena*** massima ***li tipprevedi minimu ta' seba' snin priġunerija***.

Or. en

Emenda 113

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt 3
Id-Direttiva (UE) 2017/1371
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa ***biex*** jiżguraw li ***r-reat kriminali msemmi*** fl-Artikolu 4(3) ikun punibbli b'piena massima ***ta' mill-anqas 5 snin priġunerija meta dan jinvolvi dannu jew vantaġġ konsiderevoli***.	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa ***sabiex*** jiżguraw li ***reat imsemmi*** fl-Artikolu 4(***2)(2)) sa 4(***3***b***) ikun punibbli b'piena massima ***ta' mhux inqas minn sitt snin priġunerija***.

Or. en

Emenda 114

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt 3
Id-Direttiva (UE) 2017/1371
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li r-reat kriminali imsemmi fl-Artikolu 4(3d) u (3e) ikun punibbli b'piena massima ta' mhux inqas minn ħames snin priġunerija.

Or. en

Emenda 115

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt 3
Id-Direttiva (UE) 2017/1371
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li r-reat kriminali imsemmi fl-Artikolu 4(3f) ikun punibbli b'piena massima ta' mhux inqas minn tliet snin priġunerija.

Or. en

Emenda 116

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt 3
Id-Direttiva (UE) 2017/1371
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-dannu jew il-vantaġġ li jirriżulta mir-reati kriminali msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 3(2) u fl-Artikolu 4 għandu jiġi preżunt li jkun konsiderevoli meta d-dannu jew il-vantaġġ jinvolvi aktar minn EUR 100 000.	***imħassar***

Or. en

Emenda 117

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt 3
Id-Direttiva (UE) 2017/1371
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-dannu jew il-vantaġġ li jirriżulta mir-	***imħassar***

reati kriminali msemmija fl-Artikolu 3(2), il-punt (d) u soġġett għall-Artikolu 2(2) għandu dejjem jiġi preżunt bħala konsiderevoli.

Or. en

Emenda 118

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt 4
Id-Direttiva (UE) 2017/1371
Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) ***L-Artikolu*** 7(4) ***huwa sostitwit b'dan li ġej:***	(4) ***Fl-Artikolu*** 7***, il-paragrafu*** (4) ***jitħassar.***
4. Meta reat kriminali msemmi fil-punti (a), (b) jew (c) tal-Artikolu 3(2) jew fl-Artikolu 4(1) u (3) jinvolvi danni ta' anqas minn EUR 000 jew vantaġġ ta' anqas minn EUR 000, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu sanzjonijiet oħra minflok sanzjonijiet kriminali.	

Or. en

Emenda 119

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt 7a (ġdid)
Id-Direttiva (UE) 2017/1371
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Fl-Artikolu 11(1) "jew resident abitwali fit-territorju tiegħu" huwa miżjud mal-punt (b).
	fl-Artikolu 11(1) jiżdied il-punt (c) li ġej: "ir-reat ikun twettaq għall-benefiċċju ta' persuna ġuridika stabbilita fit-territorju."

Or. en

Emenda 120

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt 7b (ġdid)
Id-Direttiva (UE) 2017/1371
Artikolu 11 – paragrafu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(7b) L-Artikolu 11(3) huwa sostitwit b'dan li ġej:
3. Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni meta ***huwa*** jiddeċiedi li jestendi ***l-ġurisdizzjoni*** tiegħu għar-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3, 4 u 5 li jkunu twettqu lil hinn mit-territorju tiegħu, ***f'waħda mis-sitwazzjonijiet*** li ***ġejjin***:	***"3.*** Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni meta jiddeċiedi li jestendi ***l-ġuriżdizzjoni*** tiegħu għar-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3, 4 u 5 li jkunu twettqu lil hinn mit-territorju tiegħu, ***meta l-awtur tar- reat ikun wieħed/waħda mill-uffiċjali*** li ***j/taġixxi fil-kariga uffiċjali tiegħu/tagħha***:***"***
(a) l-awtur tar-reat ikun resident abitwali fit-territorju tiegħu;	
(b) ir-reat kriminali twettaq għall-benefiċċju ta' persuna ġuridika stabbilita fit-territorju tiegħu; jew	
(c) l-awtur tar-reat huwa wieħed mill-uffiċjali tiegħu li jaġixxi fil-kariga uffiċjali tiegħu.	

Or. en

Emenda 121

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt 8
Id-Direttiva (UE) 2017/1371
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ħmistax-il sena minn meta jkun twettaq ir-reat, għar-reati kriminali	(a) ħmistax-il sena minn meta jkun twettaq ir-reat, għar-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3, 4(1) u ***(2(1)) u***

msemmija fl-Artikoli 3, 4(1) u (2);	***3(c)***;

Or. en

Emenda 122

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt 8
Id-Direttiva (UE) 2017/1371
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) għaxar snin minn meta jkun twettaq ir-reat għar-reat kriminali msemmi fl-Artikolu 4(3)**.**	(b) għaxar snin minn meta jkun twettaq ir-reat għar-reat kriminali msemmi fl-Artikolu ***4((2)(2)) sa (3b);***

Or. en

Emenda 123

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt 8
Id-Direttiva (UE) 2017/1371
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) tmien snin minn meta jkun twettaq ir-reat, għar-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 4(3d) sa (3f) u 5.

Or. en

Emenda 124

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt 8
Id-Direttiva (UE) 2017/1371Artikolu 12 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) għaxar snin għar-reati kriminali	(a) għaxar snin għar-reati kriminali

msemmija fl-Artikoli 3, 4(1) u (2);	msemmija fl-Artikoli 3, 4(1) u ***(2(1)) u (3c)***;

Or. en

Emenda 125

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt 8
Id-Direttiva (UE) 2017/1371
Artikolu 12 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) tmien snin għar-reati kriminali msemmija fl-Artikolu ***4(3).***	(b) tmien snin għar-reati kriminali msemmija fl-Artikolu ***4 (2(2)) sa (3b);***

Or. en

Emenda 126

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt 8
Id-Direttiva (UE) 2017/1371
Artikolu 12 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) ħames snin għar-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 4(3d) sa (3f) u 5.

Or. en

Emenda 127

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt 8
Id-Direttiva (UE) 2017/1371
Artikolu 12 – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ħmistax-il sena mid-data tal-	(a) ħmistax-il sena mid-data tal-

kundanna finali għal kwalunkwe wieħed mir-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3, 4(1) u (***2***);	kundanna finali għal kwalunkwe wieħed mir-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3, 4(1) ***(2(1)) u (3c)***;

Or. en

Emenda 128

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt 8
Id-Direttiva (UE) 2017/1371
Artikolu 12 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) għaxar snin mid-data tal-kundanna finali għar-reat kriminali msemmi fl-Artikolu ***4(3)***.	(b) għaxar snin mid-data tal-kundanna finali għar-reat kriminali msemmi fl-Artikolu ***4(2(2)) sa (3b)***;

Or. en

Emenda 129

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt 8
Id-Direttiva (UE) 2017/1371
Artikolu 12 – paragrafu 4 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) tmien snin mid-data tal-kundanna finali għal kwalunkwe wieħed mir-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 4(3d) sa (3f) u 5.

Or. en

Emenda 130

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt 8
Id-Direttiva (UE) 2017/1371
Artikolu 12 – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***għaxar snin*** mid-data tal-kundanna finali għal kwalunkwe wieħed mir-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3, 4(1) ***u 4(2)***;	(a) ***ħmistax-il sena*** mid-data tal-kundanna finali għal kwalunkwe wieħed mir-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3, 4(1)***, (2(1)) u (3c)***;

Or. en

Emenda 131

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt 8
Id-Direttiva (UE) 2017/1371
Artikolu 12 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) tmien snin mid-data tal-kundanna finali għar-reat kriminali msemmi fl-Artikolu ***4(3)***.	(b) tmien snin mid-data tal-kundanna finali għar-reat kriminali msemmi fl-Artikolu ***4(2(2)) sa (3b)***;

Or. en

Emenda 132

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt 8
Id-Direttiva (UE) 2017/1371
Artikolu 12 – paragrafu 5 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) ħames snin mid-data tal-kundanna finali għal kwalunkwe wieħed mir-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 4(3d) sa (3f) u 5.

Or. en

Emenda 133

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt 8a (ġdid)
Id-Direttiva (UE) 2017/1371
Artikolu 12a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) Jiddaħħal l-Artikolu 12a:
	"Privileġġi jew immunità mill-investigazzjoni u mill-prosekuzzjoni ta' reati ta' korruzzjoni
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 19 tad-Direttiva (UE) XXX dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni jkunu applikabbli għar-reati msemmija f'din id-Direttiva."

Or. en

Emenda 134

Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 8 b (ġdid)
Id-Direttiva (UE) 2017/1371
Artikolu 12b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8b) Jiddaħħal l-Artikolu 12b:
	"Protezzjoni tal-persuni li jirrapportaw reati jew li jassistu fl-investigazzjoni
	Minbarra l-miżuri previsti fid-Direttiva (UE) 2019/1937, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni li jirrapportaw reati msemmija f'din id-Direttiva u li jipprovdu evidenza jew li b'xi mod ieħor jikkooperaw mal-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni jew l-aġġudikazzjoni ta' tali reati jingħataw il-protezzjoni, l-appoġġ u l-assistenza meħtieġa fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali."

Or. en

Emenda 135

Proposta għal direttiva
Artikolu 30 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kull sentejn minn [12-il xahar wara l-iskadenza għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva], l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni rapport fi żmien 3 xhur li jinkludi sommarju dwar l-implimentazzjoni u l-azzjonijiet meħuda f'konformità ***mal-Artikoli 3 sa 6***.	2. Kull sentejn minn [12-il xahar wara l-iskadenza għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva], l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni rapport ***komprensiv*** fi żmien 3 xhur li jinkludi sommarju dwar l-implimentazzjoni u l-azzjonijiet meħuda f'konformità ***ma' din id-Direttiva***.

Or. en

Emenda 136

Proposta għal direttiva
Artikolu 30 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-Kummissjoni għandha tanalizza s-sottomissjonijiet ipprovduti mill-Istati Membri skont il-paragrafu 2 u tinkludi l-konklużjonijiet tagħha fir-Rapport annwali dwar l-Istat tad-Dritt li jivvaluta l-punt sa fejn l-Istati Membri jimplimentaw din id-Direttiva.

Or. en

NOTA SPJEGATTIVA

Il-korruzzjoni hija waħda mill-akbar theddidiet kontemporanji għall-funzjonament tajjeb kemm tal-istituzzjonijiet nazzjonali kif ukoll dawk tal-Unjoni. Il-korruzzjoni tnaqqar il-pedamenti tad-demokrazija, iddgħajjef il-fiduċja fl-istituzzjonijiet pubbliċi, u ċċaħħad liċ-ċittadini tagħna mill-opportunitajiet u s-servizzi li jistħoqqilhom. Kull sena, jidħlu riżorsi finanzjarji sinifikanti mill-baġits pubbliċi fil-bwiet tal-awturi tal-korruzzjoni. Dan iċaħħadna minn riżorsi prezzjużi li altrimenti jistgħu jiġu investiti fl-edukazzjoni, fil-kura tas-saħħa u fl-infrastruttura. Il-korruzzjoni mhux biss tagħmel ħsara lill-ekonomiji tagħna iżda tikkorrobora wkoll in-nisġa stess tas-soċjetajiet tagħna.

Jekk irridu Ewropa ħielsa mill-korruzzjoni, irridu nirrikonoxxu li l-ġlieda hija multidimensjonali. Dan jirrikjedi li nindirizzaw il-korruzzjoni fil-livelli kollha, mill-iżgħar tixħim sal-ikbar skemi ta' korruzzjoni. Dan jeħtieġ riformi fl-oqfsa legali tagħna, mekkaniżmi robusti ta' infurzar, u t-trawwim ta' kultura ta' etika u responsabbiltà. Dan jinvolvi wkoll l-għoti tas-setgħa lill-informaturi li għandhom rwol vitali fl-esponiment tal-korruzzjoni, spiss f'riskju personali kbir. U nistgħu biss nagħmlu progress sinifikanti fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni permezz tal-isforzi kollettivi tal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet, is-soċjetà ċivili u s-settur privat.

Huwa magħruf li r-reati relatati mal-korruzzjoni huma diffiċli li jiġu investigati u żvelati peress li spiss jitwettqu minn gruppi sofistikati ħafna ta' individwi bil-ħila li jisfruttaw il-lakuni fis-sistema. Għalhekk huwa meħtieġ li tiġi aġġornata l-leġiżlazzjoni sekondarja tal-UE, li għandha l-għan li tistabbilixxi standards minimi għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni permezz primarjament bil-liġi kriminali, iżda mhux esklużivament.

Il-proposta inkwistjoni toffri aġġornament robust tad-definizzjonijiet ta' reati kriminali diġà definiti fil-liġi tal-UE, inkluż it-tixħim kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat, u żżid reati kriminali ġodda, li huma meħtieġa biex il-ġlieda kontra l-korruzzjoni ssir aktar effettiva. Jintlaqa' wkoll il-fatt li l-proposta tallinja l-leġiżlazzjoni tal-UE mal-Konvenzjoni tan-NU kontra l-korruzzjoni. L-abbozz ta' rapport huwa allinjat mal-objettiv ewlieni tal-proposta li jinkiseb qafas komprensiv u unifikat biex tiġi indirizzata l-korruzzjoni, u b'hekk jiġi żgurat li l-isforzi tagħna fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni jkunu konsistenti u effettivi fl-Unjoni Ewropea kollha. L-abbozz ta' rapport huwa msejjes fuq il-proposta biex jiġu stabbiliti aħjar id-definizzjonijiet ta' reati kriminali u biex jiżdiedu żewġ reati oħra, jiġifieri l-ħabi ta' proprjetà miksuba permezz ta' korruzzjoni u mġiba ħażina f'karigi pubbliċi. Iċ-ċrieki ta' korruzzjoni spiss ikollhom x'jaqsmu ma' attivitajiet li jaqgħu taħt dawk iż-żewġ reati definiti ġodda jew jaqgħu taħthom, u huwa daqstant importanti li dawk ir-reati ssirilhom prosekuzzjoni u jiġu kkastigati.

Lil hinn mid-definizzjoni ta' reati kriminali, il-proposta tintroduċi regoli ġodda dwar sanzjonijiet u salvagwardji proċedurali li għandhom l-għan li jeliminaw kwalunkwe mezz biex tiġi evitata l-prosekuzzjoni tal-korruzzjoni. L-abbozz ta' rapport itawwal uħud mis-sentenzi minimi ta' priġunerija biex jinġiebu f'konformità mas-serjetà tal-imġiba inkwistjoni. Jintroduċi wkoll il-kunċett ta' korruzzjoni kbira fejn jeħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali li l-investigazzjonijiet kriminali ma jiġux imfixkla minn tilwim ġuriżdizzjonali jew immunità tas-suspettati.

L-abbozz ta’ rapport jintroduċi wkoll regoli addizzjonali biex jiġu protetti l-vittmi tal-korruzzjoni u biex jiġi żgurat li l-awturi ma jkunux jistgħu jaħarbu l-konsegwenzi tal-attivitajiet kriminali tagħhom billi jinħbew wara entitajiet legali jew skemi legali oħra. Ċerti modifiki għat-test tal-Kummissjoni huma proposti wkoll biex jinstab il-bilanċ xieraq bejn il-ħtieġa li jiġu investigati u ssir prosekuzzjoni b’mod effettiv reati ta’ korruzzjoni minn naħa waħda u li jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali tal-persuni kollha involuti min-naħa l-oħra.

Il-Kummissjoni rrikonoxxiet b’mod korrett li l-ġlieda kontra l-korruzzjoni ma tistax tkun limitata biss għall-mezzi tal-liġi kriminali u pproponiet miżuri dwar il-prevenzjoni tal-korruzzjoni. Il-prevenzjoni spiss hija l-aktar mod kosteffettiv biex tiġi miġġielda l-korruzzjoni u t-tisħiħ ta’ din id-dimensjoni għandu jkun fil-qalba tal-approċċ tal-Unjoni. L-abbozz ta’ rapport għalhekk isaħħaħ dawk id-dispożizzjonijiet sabiex l-obbligi tal-Istati Membri f’dan il-qasam isiru ċari u mhux ambigwi. Huwa importanti li jiġu mmonitorjati l-fenomeni, li spiss ikunu relatati mal-korruzzjoni, bħar-revolving doors bejn is-settur pubbliku u dak privat, il-kunflitti ta’ interess potenzjali u l-assi mhux spjegati tal-uffiċjali pubbliċi. Il-korruzzjoni tista’ tiġi evitata l-aħjar meta l-informazzjoni rilevanti tkun disponibbli kemm għall-pubbliku kif ukoll għall-awtoritajiet rilevanti b’mod faċilment aċċessibbli, li jippermetti analiżi effiċjenti. Regolamentazzjoni xierqa tal-attivitajiet ta’ lobbjar, kif ukoll li jkun hemm regoli ċari u trasparenti għall-finanzjament tal-partiti politiċi u l-finanzjament tal-kampanji elettorali hija essenzjali wkoll.

Il-proposta diġà tirrikonoxxi r-rwol importanti li għandha s-soċjetà ċivili bħala għassiesa (twissi dwar theddid għall-istat tad-dritt, iżżomm lill-awtoritajiet pubbliċi responsabbli u tiżgura r-rispett għad-drittijiet fundamentali) u tirrikjedi li l-Istati Membri jippromwovu r-rwol tagħhom f’attivitajiet kontra l-korruzzjoni. L-abbozz ta’ rapport isaħħaħ ir-rwol tas-soċjetà ċivili fil-prevenzjoni tal-korruzzjoni u l-ġlieda kontriha, inkluż billi jirrikonoxxi lil kwalunkwe organizzazzjoni li għandha l-għan li tiġġieled dan il-fenomenu d-dritt għal rieżami ta’ deċiżjonijiet ta’ prosekuzzjoni biex tinfetaħ jew le investigazzjoni u billi s-soċjetà ċivili tkun tista’ taġixxi biex tiddefendi d-drittijiet tal-vittmi tal-korruzzjoni.
Fl-aħħar nett, il-proposta tal-Kummissjoni tirreaġixxi b’mod korrett għar-rabta mill-qrib bejn il-leġiżlazzjoni dwar ir-reati kriminali ta’ korruzzjoni u d-Direttiva PIF (UE) 2017/1371. Peress li l-awturi tal-korruzzjoni spiss jinvolvu ruħhom ukoll fi frodi kriminali kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, huwa importanti li ż-żewġ biċċiet ta’ leġiżlazzjoni jinżammu allinjati mhux biss f’termini ta’ definizzjonijiet, iżda wkoll f’termini ta’ strumenti proċedurali użati minnhom. L-abbozz ta’ rapport jipproponi dispożizzjonijiet addizzjonali biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni bla xkiel taż-żewġ biċċiet ta’ leġiżlazzjoni, inkluż l-indirizzar tal-ġuriżdizzjoni tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew.